## ĠABRA TAL-EVIDENZA – KATEGORIJA B, L-EWWEL VOLUM

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/036 |
| **Ilmenti:** | Għoti ta' kuntratt ta' konsulenza fuq bażi ta' ħbiberija personali lil persuna mhix ikkwalifikata |
| **Ilmentaturi:** | Alison Bogdanovic<br>Il-Professur Arnold Cassola |
| **Dati tal-Ilmenti:** | 21 ta' Marzu 2021<br>22 ta' Marzu 2021 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 10 ta' Diċembru 2021 |

Dan il-volum ta' evidenza qed jiġi ppreżentat lill-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika flimkien mar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-każ K/036. Minħabba l-kwantità u n-natura tal-evidenza, din ġiet maqsuma fi tliet kategoriji:

- **Kategorija A:** dokumenti annessi mar-rapport tal-Kummissarju. Din il-kategorija tinkludi biss l-ilmenti li wassluh biex jinvestiga l-każ, u riproduzzjoni ta' artiklu li deher fil-gazzetta *MaltaToday* u li jirreferi għalih wieħed mill-ilmentaturi.
- **Kategorija B:** dokumenti li qed jiġu pprovduti separatament u li huma miġbura f'żewġ volumi. Din il-kategorija tinkludi traskrizzjonijiet u sommarji ta' xhieda bil-fomm, stqarrijiet bil-miktub, u dokumenti oħra pprovduti mix-xhieda.
- **Kategorija Ċ:** din il-kategorija tinkludi fost oħrajn l-emails li huma rilevanti għall-każ u li ttieħdu mill-mailbox ta' Danijel Bogdanovic; dokument ipprovdut mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru li huwa relatat mal-ingaġġ tas-Sur Bogdanovic bħala membru tas-segretarjat tal-Ministru Caruana; u dokumentazzjoni oħra li hija ta' natura privata u għandha biss rabta inċidentali mal-każ. Din l-evidenza m'għandhiex tiġi ppubblikata u qed tiġi ppreżentata separatament għal din ir-raġuni.

## 1. Dokumenti – Alison Bogdanovic

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
| --- | --- |
| Traskrizzjoni tax-xhieda tas-Sinjura Alison Bogdanovic. | B/AB/1 |
| Ritratt ta' business card bl-arma, indirizz u sit elettroniku tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, li jindika isem 'Daniel Bogdanovic' u l-kariga 'Coordinating Officer' flimkien man-numru tal-mobile (imħassar għall-privatezza) u email address tiegħu. | B/AB/2 |
| Ritratt ta' security tag tal-Ministeru għall-Edukazzjoni bl-isem 'Danierl Bongdanovic' u taħtu l-kelma 'Secretariat'. | B/AB/3 |
| Ritratt ta' tad-direttorju tal-gvern li juri d-dettalji tal-kont tal-email ta' Daniel Bogdanovic, fejn tidher il-kariga "Secretariat Officer". | B/AB/4 |

## 2. Dokumenti – Dr Francis Fabri

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
| --- | --- |
| Email mibgħuta minn Dr Francis Fabri, Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, flimkien ma' ittra bla data, datata t-13 t'April 2021. | B/FF/1 |
| Ittra minn Dr Francis Fabri lill-Kummissarju għall-Istandards fejn jirrispondi għal numru ta' domandi rigward l-għoti ta' kuntratt għas-servizz lil Danijel Bogdanovic, bla data, li ntbagħtet bħala anness għall-email tat-13 t'April 2021. | B/FF/2 |
| Traskrizzjoni ta' xhieda ta' Dr Francis Fabri datata l-14 t'April 2021. | B/FF/3 |

| | |
|---|---|
| Email mibgħuta minn Dr Francis Fabri, b'tmien dokumenti annessi, datata l-5 ta' Mejju 2021. | B/FF/4 |
| Skambju ta' emails bejn is-Sur Kenneth Cutajar, il-Kap Eżekkutiv tal-kumpanija District Operations Ltd, u Dr Francis Fabri li jinkludi screenshot tad-database tal-gvern li juri d-dettalji tal-kont tal-email ta' Daniel Bogdanovic, fejn jidher isem il-kariga "Secretariat Officer"datati s-7 u d-9 ta' Diċembru 2020. | B/FF/5 |
| Email minn Dr Paul Debattista lil Dr Francis Fabri, b'żewġ dokumenti annessi, datata t-12 ta' Jannar 2021. | B/FF/6 |
| Dokument bit-titlu "An Overview of the modus operandi of the "Skola Nazzjonali tal-isport" mibgħut minn Dr Paul Debattista lil Dr Francis Fabri bl-email tiegħu tat-12 ta' Jannar 2021. | B/FF/6a |
| Dokument bit-titlu "Għaliex inħass il-ħtieġa li jsir evalwazzjoni tal-iSkola Nazzjonali tal-iSport" mibgħut minn Dr Paul Debattista lil Dr Francis Fabri bl-email tiegħu tat-12 ta' Jannar 2021. | B/FF/6b |
| Email mibgħuta mingħand l-uffiċċu tad-Direct Orders fil- Ministeru għall-Finanzi u Impjieg fejn tingħata l-approvazzjoni għall-għoti ta' direct order lil Danijel Bogdanovic, datata l-15 ta' Jannar 2021. | B/FF/7 |
| Kopja tal-Kuntratt għas-Servizz iffirmat bejn il-Ministeru għall-Edukazzjoni u s-Sur Danijel Bogdanovic, datata l-21 ta' Jannar 2021, (iffirmata 26 ta' Frar 2021). | B/FF/8 |
| Nota/ittra miktuba minn Danijel Bogdanovic fejn jelenka l-attivitajiet li għamel, approvata u ffirmata minn Dr Paul Debattista, datata d-19 ta' Frar 2021. | B/FF/9 |

Fattura maħruġa mis-Sur Danijel Bogdanovic, li jinkludi approvazzjoni biex isir il-pagament iffirmata minn Dr Paul Debattista, datata d-19 ta' Frar 2021. B/FF/10

Voucher għal pagament maħruġ mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, datat il-5 ta' Marzu 2021. B/FF/11

Abbozz ta' rapport ta' 81 paġni bit-titlu "Assessment, Review and Recommendations for National Sports School", bl-awtur imniżżel bħala s-Sur Danijel Bogdanovic datat it-23 ta' Marzu 2021. B/FF/12

Traskrizzjoni tax-xhieda ta' Dr Francis Fabri, datat il-21 ta' Lulju 2021. B/FF/13

Email mibgħuta minn Dr Francis Fabri fejn jipprovdi kopja tal-ittra registrata li ntbagħtet lis-Sur Bogdanovic bħala notifika tat-terminazzjoni tal-kuntratt tas-servizz. Dr Fabri jagħti iktar informazzjoni dwar il-ħlas tal-paga tas-Sur Bogdanovic taħt il-CWS. Datata it-2 t'Awwissu 2021. B/FF/14

Annessi:

- Email mingħand Dr Paul Debattista lil Dr Francis Fabri datata fejn Dr Debattista jippreżenta l-abbozz tar-rapport u jispjega illi dan mhuwiex ir-rapport finali kif intenzjonat, pero li hemm biżżejjed informazzjoni biex wieħed jaħdem. Datata l-24 ta Marzu 2021. B/FF/14a

- Ittra mingħand Maria Galea, Direttur Ġenerali fid-Dipartiment għall-iStraġija u s-Sapport fil-Ministeru għall-Edukazzjoni lis-Sur Danijel Bogdanovic fejn tinnotifikah illi l-kuntratt ta' servizz qed jiġi tterminat. Datata t-23 ta' Marzu 2021. B/FF/14b

Sommarju tax-xhieda ta' Dr Francis Fabri, datat is-16 ta' Settembru 2021. B/FF/15

# 1. Alison Bogdanovic

# Traskrizzjoni ta' xhieda tas-Sinjura Alison Bogdanovic

Każ: K/036
Data: 7 ta' April 2021

Preżenti: Dr George Hyzler, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika – GH
Charles Polidano, Direttur Ġenerali - CP
Dr Sarah Pace Warrington, Investigatur u Analista – SPW

Is-Sinjura Alison Bogdanovic, ex-mara tas-Sur Danijel Bogdanovic - AB

---

GH: Bonġu Mrs Bogdanovic aħna tlabnik tattendi għal din il-laqgħa biex tispjegalna ftit il-"complaint" li inti għamilt, dwar il-kuntratt li ingħata lil Daniel Bogdanovic, għandi nifhem li huwa l-ex raġel tiegħek, mill- Ministeru tal-Edukazzjoni. Voldieri, naturalment tista' tgħid li trid pero ma tantx nixtieq li nidħlu fil-kwistjoni tas-separazzjoni, għax dik ma tinterressanix daqshekk, hux hekk?

AB: mm

GH: Dak li jinteressana bħala dan l-uffiċju jinteressana kienx hemm irregolarita' fl-għoti ta' dan il-kuntratt minħabba r-relazzjoni li allegatament teżisti bejn il-Ministru Caruana u l-ex raġel tiegħek. Intuk il-ġurament, taħlef li tgħid is-sewwa, s-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa, hekk Alla jgħinek

AB: Naħlef

GH: Mela ħa nsaqsik ftit domandi sempliċiment biex inkunu qegħdin, fl-istampa. L-ewwel ħaġa, inti u l-ex raġel tiegħek, meta iltqajtu, kemm ilkom li ltqajtu, kemm il-sena ilu u x'kien jagħmel dak iż-żmien?

AB: Mela, aħna ltqajna fin-99, il-ground il-Gozo Stadium u f'Awissu tan-99 stess żżewwiġna, ġo 6 months.

GH: voldieri kien diġa' footballer jilgħab f'Għawdex?

AB: ehe imma missieru kien coach tal-Hamrun, imbagħad kien waqaf u ġew Għawdex u Daniel ġie biss jilgħab ma' Għajnsielem imma kellu xi problema minħabba l-karti u ma setax jilgħab u imbagħad sintendi wara li żżewwiġna, fhimt, ġab il-passaport Malti, hu l-aħħar wieħed, kif iżżewwiġna, ħa l-passaport Malti.

GH: Jekk m'hiex problema, tista' tneħħi l-maskra, għandna l-plastic hawn, għandna l-iscreens quddiemna voldieri safe

AB: Aħjar, aħjar

GH: għax ma jinstema xejn fir-recording ta voldieri. So, jiġġifieri minn-99 'il quddiem, beda jilgħab Għawdex hux hekk qed tgħid?

AB: Ehe, Għawdex, Malta, jsiefer, trials, iġġifieri only football kien il-job tiegħu

GH: voldieri, dak iż-żmien kien footballer biss, u kemm kellu żmien dak iż-żmien?

AB: 19, 19

GH: 19, voldieri meta imbagħad mar mal-Belt u hekk dak ġrat wara?

AB: aha, konna miżżewġin

GH: kontu miżżewġin..pero bqajtu tgħixu Għawdex jew?

AB: skont, Għawdex, jew iġġifieri għexna Marsaxlokk, Birżebbuġia, tas-Sliema, Swieqi, jekk kienu joffrulu accommodation konna ninżel miegħu

GH: issa, hu irtira mill-football, bħala player qed ngħid?

AB: erm, le l-kuntratt li ffirma ma' Għajnsielem għal tliet snin kien bħala player-coach, fil-fatt on the 23rd December lagħab, kontra l-Pieta' -Għajnsielem u lagħab…dakinhar anke il-Ministru kien qed tarah, erm u…

GH: skużani, ma fhimtekx

AB: dakinhar anke l-Ministru kien qed tarah

GH: kien qed tarah, x'jiġġifieri?

AB: kien qed tara l-logħha

GH: ġiet tara l-logħba

AB: aħna ma stajniex morna għax in-nies ma jistgħux jidħlu l-ground, imma l-Ministru ċemplet għax sintendi Għawdex żgħir, kulħadd jaf 'l kulħadd, iġġifieri l-kelma tiġri, u tal-ground ma riedux iħalluha tidħol u imbagħad ċemplu lill-President tal-GFA Samwel u qalilhom "Ministru hux, tridu tħalluha tidħol" u għamlet show għax weġġa, ma kien hemmx l-ambulanza u ħafna…fil-kuntratt ta' ma' Għajnsielem qiegħed player-coach

GH: voldieri sal-lum il-ġurnata għadu qed jilgħab qed tgħid ?

AB: aha u jikkowċja

GH: Sewwa. Sewwa. Issa apparti li kien footballer u coach tal-football, kien jagħmel xi xogħol ieħor kemm domtu flimkien?

AB: no, mela, sa erba' snin ilu, ġara każ ta' vjolenza domestika u spiċċajna l-Qorti, insomma allura għamilna xi 2 months, 3 months sseparati. Erġajna, telgħin u niżlin il-Qorti, kien hemm il-pulizija, insomma, u jien u Daniel erġajna bdejna nitkellmu biex naraw nirranġawx l-affari insomma u sebaħ u dalam. Imbagħad Daniel, lagħbu, kien max-Xewkija dakinhar, Xewkija kontra Għajnsielem, u weġġa' siequ, weġġa' siequ gravi li sal-lum qed baqalu xi ħadid ġo siequ, sebaħ u dalam, u jċempluli n-nies li kienu l-ground li Daniel weġġa' u weġġa' serju. Insomma. Imbagħad qisu r-relazzjoni reġgħet bdiet meta kien weġġa' allura meta kien għaddejjin dak iż-żmien tal-Qorti, ix-Xewkija kienu l-President tax-Xewkija kien għamel garanzija personali, ħallaslu l-Qorti għax kien għamel ġurnata, lejl arrestat, imbagħad kienu irranġawlu biex ħareġ jilgħab, insomma allura imbagħad spiċċa kien qallhom talli għenuh u ħallsulu, fhimt, il-Qorti u sebaħ u dalam, kien jilgħab b'xejn allura imbagħad, kif, flus ma kellux minnn fejn jidħol. Allura hu qalli "Kien hemm Ministru"…naħseb…ma nafx min…li għen lil tax-Xewkija u lil Daniel iddaħlu fil-Community Work. Għandi l-kuntratt jekk trid tal-Community Work…

GH: F’liema sena kienet dan?

AB: Għandi l-kuntratt

GH: tajjeb, tajjeb

AB: għax jiena dawn l-affarijiet, hu ma kienx jieħu ħsieb kuntratti u hekk iġġifieri

GH: għaliex ma kienx jieħu ħsieb il-kuntratti u hekk?

AB: għax hu football u playstation, affarijiet ta’…ġġifieri anke l-kontijiet u hekk fhimt…kollox…

GH: imma bħala skola x’kellu hu?

AB: xejn. Għax hu twieled il-Libja, għex il-Libja u t-Tuneżija u m’għandu l-ebda ċertifikati, iva u, smajt iġġifieri jaf jitkellem għaxar lingwi għax kull pajjiż li mar mill-ewwel qabad iġġifieri anke hawn, il-Malti jaf jitkellmu aħjar minni

GH: tajjeb pero, kien mar skola Malta hu le?

AB: le Malta qatt ma mar skola le, hu kif wasal hawn hu qal li ġie ta’ 16 għamlu xi sena u nofs, reġgħu marru t-Tuneżija u imbagħad ġew u ġie Għawdex, fhimt. Għawdex le qatt ma mar skola, u lanqas għandu ċertifikati. Li mar skola tal-MFA, li għandu ic-C u l-B u issa dis-sena qed jagħmel l-A licence.

GH: Ta’ xiex huma dawn?

AB: Tal-coach

GH: Tal-coach

AB: mhmm

GH: mela qed nara dan il-kuntratt li tajtni, dan voldieri qiegħed datat cioe jibda’ mit-2 ta’ Jannar 2018. U x’kien jagħmel mal-Community Workers Scheme allura?

AB: Għall-ewwel daħal fir-range taż-Żebbuġ jagħmlu l-ġebel tas-sejjiegħ li jkun hemm bżonn f’Għawdex imma imbagħad tawh transfer għall-isports complex

GH: T’Għawdex?

AB: aha. Bħala sports educator. Għax għandi l-payslip u hekk miktub fuqha

GH: imma x’kien jagħmel bħala sports educator iġġiferi? Ma tafx.

AB: L-isports complex imma, jidħol u ma jagħmel xejn milli qed nisma’ issa għax issa n-nies kulħadd jiġi jgħidlek… Sal-nofsinhar kien ikun id-dar, sas-sagħtejn…

GH: kemm ilkom miżżewġin intom, meta iżżewwiġtu?

AB: Iżżewwiġna fin-1999, f’Awissu

GH: iva skużani

AB: Bil-Knisja u bil-Qorti fl-Lulju, fit-2 ta’ Lulju

GH: U sseparati?

AB: Issa fit-27 February

GH: Għadkom kif isseparajtu issa. Tfal?

AB: Tlieta, miegħi qegħdin

GH: Meta attwalment telaq mid-dar hu, apparti separazzjoni?

AB: [Is-Sinjura Bogdanovic spjegat iċ-ċirkostanzi tas-separazzjoni tagħha li seħħu qabel ma telaq is-Sur Bogdanovic] … u hu telaq New Year's Eve, mid-dar, u imbagħad jien erġajt dħalt lura id-dar.

GH: iġġifieri inti qed toqgħod fid-dar fejn kontu tgħixu qabel u hu telaq u fejn qed joqgħod? …

AB: ehe. Għax issa d-dar qiegħda tiegħi, għax sehmu kitibha lili għax jiena mort affaċċjajt lill-Ministru

GH: erġa' għidli skużani?

AB: mela issa d-dar qiegħda kollha tiegħi għax sehmu kitbu ilil għax qabel ma riedx itini xejn la manteniment xejn.

GH: eh minħabba s-separazzjoni qed tgħid

AB: aha , għax mort sibt lill-Ministru, affaċjajtha u imbagħad kollox tani li ridt.

GH: meta tgħid affaċjajtha, x'jiġġifieri?

AB: mort, sibtha għandu

GH: id-dar tiegħu

AB: fejn qed jikri, ta' Sannat. Qiegħda hemmhekk fuq xogħol, on the 7 January kif lestiet minn Kastilja, għax kien hemm taħdidiet tal-istrajk, ġiet fid-disgħa u nofs sal-ħamsa, wara l-bieb tiegħu, u ma tajthiex ċans tidħol għandu. Li kelli ngħidulha għidtulha, imma, tkompli tigdeb "mhux vera".

GH: tat spjegazzjoni x'qed tagħmel hemm allura?

AB: erm, ġabitlu karti tax-xogħol", għidtilha "tista' ttihomlu għada filgħodu?" "Le" qaltli "le għax irid jagħmel…imma mhux affari tiegħek".

GH: disgħa u nofs ta' filgħodu jew ta' filgħaxija?

AB: ta' filgħaxija

GH: jiġġifieri, din l-allegazjoni li qiegħda miegħu, f'relazzjoni miegħu iġġifieri, apparti dan l-inċident fejn inti rajtha…

AB: jiena anke Malta ġejt, niffollowjahom imma ħarbuli għax wara training baqa' nieżel Malta u kienu miftehmin ġo xi lukanda Għawdex u huu baqa' għax kellu l-kors l-għada filgħodu il-Ħamis baqa' sejjer Ta' Qali u hi ġiet mal-vapur tat-tmienja u nofs. Għax jiena għandi l-filmati ukoll, dieħla u ħierġa l- apartment tiegħu. Iġġifieri nista' nurielkhom mhix problema

GH: għandek filmati tagħha dieħla u ħierġa l-appartament tiegħu Għawdex jew Malta?

AB: Għawdex

GH: Għawdex. Issa, ħa niġu għall-..xogħol tiegħu mal-Ministeru. Fil-media kien ġie rappurtat illi hu kellu xi xogħol, kellu card, jew, email address dawn l-affarijiet, mas-segretariat, qabel id-data tal-kuntratt li ingħata u ġie rappurtat ukoll fil-media

AB: mhm. Anke l-Libja mar magħha, anke l-Libja mar magħha. On the 13$^{th}$ December għax jiena għaddejtlu s-suit u l-meeting qalli kien ħa jkun fl-erbgħa ta' filgħodu, tal-Libja kien ilni naf xi one week qabel ma marru, għax, qra l-email, li, kien hemm iċ-ċifra xi 35- li ħa jiddiskutu, li ħa jiftħu xi skola, iġġifieri qabel ma marru, kont naf, għax qalli għax qrali l-email li…

GH: Sew. F'dan qed tgħid, meta? Diċembru?

AB: Aha, issa, 13 December

GH: sew fit-tlettax ta' Diċembru

AB: iva marru mal-vapur tas-sitta, tas-sitta u kwart għax fis-sitta telaq mid-dar u ġie id-driver għalih, ma nafx jekk il-Ministru kinitx hemm insomma, erm, u l-meeting kien ħa jkun, qalli marru bil-private jet, erm, il-meeting kien ħa jkun fl-erbgħa ta' filgħodu. X'ħin ġie, lit-tfal ralhom ritratti tal-Libja għax hu għex il-Libja, twieled il-libya, lil-Libja, nofsha imfarka insomma u qallhom li libsuh il-jacket-proof

GH: bulletproof jacket?

AB: ehe ehe, iġġifieri minn fuq ġol-ajruplan, qallhom "ma stajtx nieħu ritratti għax kif inżilna qabel ma nżilna minn ġol-ajruplan ħadulna l-mobile u imbagħad reġgħu tahulna x'ħin irkibna ġol-ajruplan". Iġġiferi..

GH: voldieri ġurnata għamlu hemm? Marru u ġew?

AB: eqq, marru u ġew qas ġurnata, għax marru fit-13 u fil-14 waslu. Baqgħu ġejjin il-Ministeru l-Floriana qalli, u imbagħad id-dar wasal f'xi t-tlieta ta' wara nofsinhar.

GH: lejl wieħed voldieri

AB: ehe.

GH: u dak iż-żmien allura x'kien l-irwol tiegħu fis-segretarjat?

AB: ifhem, lil qalli person of trust tagħha, ra li, għandhom grupp chat, hi, Etienne u Daniel għax hu qisu bħal Etienne St. John fhimt? Qalli jien ftit minn kollox, għax jien għidtlu u dak iż-żmien kienu ġabu tan-Net it-tifla qaltlu li 'inti m'għandekx karti m'għandekx, m'għandekx, mhux suppost qiegħed hemm". "Qallha imma person of trust ehe m'għandux għalfejn ikollu ċertifikati". Imma, imbagħad, qra l-email lili u lit-tifla, u xogħolu kien ħa jkun għax hu dejjem fl-isports, li ħa jkun head of School of Sports fuq it-teachers tal-P.E. li biex il -P.E. ikollu iżjed, ikun hemm iżjed lessons tal-P.E. f-kull skola, iġġifieri mhux ġo Skola Sports biss, iġġifieri l-paga kienet ħa tkun 2,900 għax kien hemm e-mail u qralha lili u lit-tfal.

GH: Meta tgħid ser ikun, tfisser, għadu ma sarx? Jiġġifieri?

AB: Għax jiena ifhem issa ma nafx, għax jien qed ngħidlek x'kien qal f'Diċembru iġġifieri, issa ma nafx għax issa m'għandix..

GH: le le għaliex fil-gazzetti kien ġie rappurtat illi hu kien diġa' fis-segretarjat

AB: iva, għax għandi….

GH: iva pero is-segretarjat ċaħadha din

AB: Sorry?

GH: il-Ministeru ċaħadha, il-Ministeru qal dan mhux veru

AB: heqq, għandi l-badge ukoll, iġġifieri.

GH: il-badge?

AB: il-badge iġġifieri, ma nafx ta, ħa nurihielek iġġifieri…mela…għax id-dar kien jiġi bil-badge, jinżagħha, iġib il-dik, li daħal fil-Ministeru,

GH: allura l-paga tiegħu sa dak iż-żmien, minn fejn kien qed jeħodha? Mill-Community Workers Scheme jew il-Ministeru?

AB: issa, bħala paga tal-Community irranġatlu li ħa jibqa’ jeħodha.

GH: jibqa’ jeħodha, oltre l-paga tiegħu….

AB: iva

GH: fis-segretarjat ?

AB: iva.

GH: pero mas-Segretarjat, attwalment ġie impjegat jew le?

AB: iva, għax hu hekk qal li issa ħa jkollu, ħa jkollna iżjed flus qallhom lil-tfal, qallhom għax ħa jkolli l-paga tal-, tal-Ministeru, sewwa, ħa jkolli l-paga tal-Community, sewwa, għandu tal-football, qallu ,qalli imbagħad nieħu dan extra, tal-, tal-Head of School.

GH: ok. Mela u dan, dan it-tip ta’ xogħol m’għandux x’jaqsam ma’ dan il-kuntratt illi imbagħad ġie rappurtat tal-5,000 fix-xahar?

AB: Le.

GH: Qabel? Qabel…

AB: Qabel….mhmm…fil-fatt f’Diċembru kien idur magħha l-iskola, iġġifieri dawn kollha kienu d-dar iġġifieri u hu kiteb id-dates fejn kien ikunu jduru l-iskejjel u…

GH: voldieri inti qed turini huwa xi tip ta’ timetable din, x’inhi?

AB: ehe, ehe

GH: timetable ta’ żjarat

AB: ta’ żjarat u hu kitibhom

GH: li għamel fi skejjel qabel…

AB: f’Diċembru, Jannar u Frar u imbagħad x’ħin ħarġet fil-medja waqfet li tmur biex ma jarawhx in-nies magħha.

GH: dawn għandi nifhem ħallihom id-dar warajh, b’hekk ġew fidejk

AB: le għax jien xorta kont għadni mmur id-dar, nnaddaf, jien, jien tlaqt biex nisseppara imma qabel, sakemm hu kien għadu jgħix id-dar, jien xorta kont immur insajjar li-tfal, innaddfilhom, tlett it-tfal, ma nistax naqbad u inħallihom…

GH: għax huma, it-tfal baqgħu hemm dak iż-żmien?

AB: aha, mela mela mela

GH: u l-Ministru dejjem baqgħet tiċħad?

AB: mhmm

GH: ħa niġu għal dan il-kuntratt tat-tliet xhur biex niftehmu

AB: mhmm

GH: fejn fil-media ġie rappurtat illi qed jitħallas 5,000 fix-xahar, għandek kopja tiegħu? Qed narah

AB: l-oriġinali għandi

GH: għandek l-oriġinali

AB: u għandi l-business card.

GH: għandi nifhem illi l-media inti tajthomlu allura

AB: le.

GH: Le. Le?

AB: le. M'għandix…saru jafu imma mhux jien [tidħaq]. Issa jekk forsi bgħattu żewġt iħbieb forsi ma nafx imma..

GH: x'voldieri "bgħattu żewġt iħbieb?"

AB: ehh, żewġ ħbieb

GH: tiegħek?

AB: ehe

GH: għax inti urejtu lin-nies dak

AB: aha

GH: dawn ħa nagħmlu kopji tagħhom

AB: iva mela

GH: ħa nagħmel kopji ta' kollox għax aħjar hekk

AB: iva mela

GH: għandek iżjed x'ittina ħalli nagħmlu kopji ta' kollox?

AB: dan kien fuq il-media, din il-karozza li tatu, qed jis…biha, għandu l-karozza, l-mobile, petrol, kollox imħallas mill-Ministeru…dan, erm, xtratlu arloġġ fil-Milied..

GH: kif taf xtratulu hi?

AB: għax filli ma kellux arloġġ imbagħad l-għada tal-Milied għandu arloġġ, naħseb…

GH: voldieri inti qed tassumi li xtratlu l-arloġġ

AB: u għandi f'Ottubru, erm, Daniel qaleb il-mobile mill-Vodafone għall-Melita għax kien diġa' jaf li… issa qed nagħmel kollox one plus one, kien diġa' jaf li ħa jkollu xogħol mal-Ministru, allura qaleb li l-mobile għamlu mal-Melita, alura biex jitħallaslu l-mobile li kellu l-Melita, għax erm..package, ikollok l-internet u kollox u l-mobile, kollox inkluż, u l-email tal-Melita qiegħda tiegħi fhimt? U hu ma kienx jaf, u dan l-aħħar mhux jiena it-tifla skopriet u dħalna u naraw il-calls u l-messages lil min jibgħat, iġgifieri għandi l-calls, li jċempel il-Ministru anke f'nofs il-lejl,

jiġġifieri, u jien kont għadni d-dar, iġġifieri anke f'Novembru aħna konna ngħixu ma' xulxin u kien qed iċempilha f'nofs il-lejl. Iġġifieri u anke issa wara logħba tal-football jew wara training just iċemplilha biex jiltaqgħu iġġifieri għax jiena għidtlek, jiena iffollowjajtu, għax jiena dik il-ħaġa li jkompli jigdeb jew lit-tfal jgħidiilhom "il-Mummy kisret il-familja" jiena dik mhux ħa naċċettaha, I'm sorry, għax kun raġel. Mhux..

GH: dawk li għandek voldieri huma l-call logs?

AB: dawn għandi l-calls, ehe, ftit minnhom għax issa nduna. Din għandi l-payslip iġġifieri jekk tara Settembru u Ott…mela Settembru, Ottubru u Novembru għandu tal-Community, imbagħad f'Diċembru alla jbierek għandu allowance ta' 450.

GH: mingħand min?

AB: erm, tal-Community, qatt ma kellu. Għax kif għidtlek, il-payslip jien…

GH: voldieri din l-allowance ma tirriżultax mill-kuntratt li kellu mal-Community Workers Scheme?

AB: le

GH: issa li rajt il-kuntratt nista'…qed narah ta….

AB: hawnhekk din il-karozza li għandu u dan qabel ma, ma kienu lesti, il-fl…l-uffiċjini ġodda tal-Ministru kienet qiegħda jiltaqgħu ix-Xewkija, erm, ġo l-office tagħha fejn għandha kienet tara n-nies, u imbagħad wara.. fil-fatt il-karozza tagħha mhux qiegħda hemm għax id-driver mill-Parlament kien wassalha hemmhekk Daniel wara training, jiġi hemm jagħmlu sa' xi l-għaxra u nofs u imbagħad jitilqu lejn Sannat u ġieli fis-siegħa ta' filgħodu Daniel imur iwassalha d-dar għand ommha.

GH: għax hi tgħix id-dar t'ommha

AB: mhmm

GH: dan il-kuntratt pero tal-, dan il-kuntratt tat-tliet xhur…inti x'fhimt li kellu jagħmel fih? X'kien it-tip ta' xogħol li kellu jagħmel?

AB: heqq jiena naħseb li jdur…idur l-iskola, jara t-tfal, biex forsi 'l quddiem jirranġalhom xi trial fuq il-football, ħa…ħa…li nista' ngħidlek, għax hu football…

GH: voldieri, jiena għadni ma rajtux il-kuntratt pero naf xinhu rappurtat fil-media. Li kellu jagħmel xi rapport.

AB: ehe. Ifhem jekk niġu f'dan, lili f'Jannar meta mort u sibtha wara l-bieb on the 7th January, hekk qal li hi kellha ttih xi karti. Lili hekk qalil, li l-Ministru ġiet iġġibu xi karti għax sat-8 ta' filgħodu ried jagħmel rapport fuq Skola Sports iġġifieri ma nafx jekk hux veru għax imbagħad lit-tifel bgħattlu 8th December, 8th January, li erm, i-lMInistru kienet wara l-bieb biex ittih il-karti tal-avukat, għax l-avukat tiegħu qabditulu l-Ministru, Aaron Mifsud Bonnici kien, just biex nisseparaw.

GH: imma hu, għidtli li ma kellux skola

AB: le

GH: iġġifieri rapport kien jaf jikteb u hekk?

AB: ifhem, jikteb ehe jaf

GH: jaf jikteb

AB: ehe. Ġieli spelling mistakes fhimt? U jsaqsi lil kbira fhimt? Anke computer kif irid, x'jagħmel il-B licence il-kbira kellha tgħinu kif jiftaħ access sheet u ħaddem… aħna hekk għidna..

GH: voldieri ma tantx jaf juża computer

AB: aha waħedna hekk għidna il-kbira qalet "issa min qed jgħinu?".

GH: it-tifla qed ssaqsik biex irid jikteb xi rapport, bilfors irid jgħinu xi ħadd

AB: jgħinu xi ħadd ehe anke biex kien għamel il-kors fhimt? iġġifieri tal-B…tal-B kienet tgħinu l-kbira fhimt..

GH: il-kors bħala coach

AB: bħala coach ehe fhimt? Fuq il-computer kien fhimt? Jew per eżempju jgħidilha din il-kelma per eżempju fiha "e" jew double fhimt? Kien joqgħod…Imma issa qaltlu fuq il-computer jista' jagħmel jekk għandu spelling mistake jirranġa ma nafx

GH: spellcheck iġġifieri l-computer jikkorreġi

AB: ehe

GH: l-iżbalji. Ok. Hemm xi ħaġ'oħra li tixtieq tgħidilna?

AB: ehe, erm, mela, jiena għamiltilhom kamera, fil-filmati, xi ħadd kixifni insomma, u il-Ministru tatha għal rasha li ppruvat tkeċċi n-nies mix-xogħol. Mela l-ewwel wieħed kien, mela, għandi l-filmati, issa l-kamera għandhom qiegħda. Il-kamera għamiltha, mela, Daniel joqgħod ġo triq li ma tinfidx, ok? Mela din id-dar ta' Daniel, hawnhekk hawn ħajt u hawnhekk hawn ħajt iġġifieri bl-għelieqi. Jiena l-kamera għamiltha hawnhekk iġġifieri din kienet kamera moħbija ġo ġebla iġġifieri, mhiex ħa tkun tidher. Insomma, wara xi erbat ijiem, dan il-ħajt ta' hawnhekk waqa', allura fhimt? Bdew imorru n-neighbours, wieħed minnhom induna li hemm il-kamera, erm, u on the 14th, fil-Valentines Day sabuha. On the 15th kien is-siegħa u nofs ta' wara n-nofsinhar. Iċempel l-għarus tat-tifla jibki kemm jiflaħ illi kellu jidher quddiem ic-CEO tal-kumpanija li jaħdem, din kumpanija private…

GH: Għawdex?

AB: le Malta. Għax ċemplitlu l-Ministru Justyne Caruana li l-għarus tat-tifla qed jagħmlilha stalking. "Araw x'ħa tagħmlu", bdiet ħafna theddid. L-għarus tat-tifla qallhom l-istorja mill-A saż-ż iġġifieri, ralhom il-filmati, qallhom, iġġifieri. Fehmu s-sitwazzjoni, sebaħ u dalam, qalulu aħna nifhmuk u hekk qalulu, immaipprova għax din MInistru tasal. Fl-erbgħa' u nofs ta' wara n-nofsinhar, iċempilli pulizija li inzzertat li l-għalqa tiġi ta' missier il-mara tiegħu, u dan il-pulizija biex tgħaxxaq, jiġi l-kuġin t'ommi. Ċemplitlu ukoll qaltlu deher jidher insomma fil-kamera, qaltlu jekk int m'għandek xejn x'taqsam mur agħmel rapport li xi ħadd għamillek il-kamera hemmhekk. Qaltlu jien diġa' kellimt lill-Ministru Byron Camilleri, u anke ħa jċempel, x'ħin dan il-pulizija beda' jgħidilha imma nagħmel rapport bħal speċi ma riedx immur nagħmel rapport jekk niġu f'dan għax sar jaf li l-kamera għamiltha, għamiltha jien..għax imbagħad il-Hadd meta sabuha ċemplu lilu u lilu ġie ċempel lili qalli "għamilt xi kamera?" għidtlu "Iva għamilt kamera", insomma u pprova jċempel biex ħadd ma jmur jgħidulhom imma laħaq marru qalulhom, insomma, imbagħad għax jiena, x'ħin ratu li qisu qed iżomm miegħi, hux iżomm miegħi imma li għalih jagħmel rapport jew le ma kinitx se tagħmillu differenza, qaltlu "jiena diġa' kellimt lill-Kummissarju tal-Pulizija, taf li l-Puliija kemm hu aħrax għandu jibgħat għalik". Dam wara l-għassa, għamel rapport insomma, sal-lum ħadd għadu ma kellimni eh mill-pulizija iġġifieri… u l-aħħar waħda…

GH: ippermettili sekonda, iġġifieri, din il-kamera, qed tgħid hemm il-filmati, huma rikordjati għandi nifhem…

AB: ehe għandi hawnhekk

GH: u għandek ir-recordings

AB: għax kont immur jiena, mela jiena, it-tifla u kien jiġi l-għarus tat-tifla

GH: aha voldieri għaliex din hija, bil-batteriji, nimmagina

AB: iva

SPW: bl-SD card qed nimmaġina

AB: aha bis-sim card

GH: bil-USB

AB: ehe imma

GH: u tieħu l-USB, tikkopjaha, u terġa' ddaħħalha l-USB

AB: ehe

GH: jiġġifieri,

AB: għax jiena u t-tfal ridna l-provi għax hu għadu jibgħat iġġifieri anke issa li ssepparajna il-messaġġi li jibgħat li mhux very li hemm relazzjoni bejniethom iġġifieri tista'….

GH: sew u dawn il-filmati x'juru allura?

AB: li l-Ministru dieħla u ħierġa fil-ħinijiet fhimt? U hemm il-familja ta' Daniel, hemm ħuh, il-mara tiegħu bit-tfal fhimt?

GH: ġo l-istess post?

AB: aha

GH: Jgħixu miegħu jew?

AB: le le, marru fhimt?

GH: ġieli jiltaqgħu kollha, ah ok. Li qed tgħid, iddaħħlet fil-familja qed tgħid?

AB: ehe, iġġifieri li hemm relazzjoni għax kieku fuq ix-xogħol biss mhux ħa tmur, imbagħad…ġurnata public kienet iġġifieri t-tfal tagħha ukoll…imma ma nidħolx, jien nidħol fl-affari tiegħi.

GH: erġa' għid, hi kienet tmur hemm bit-tfal tagħha?

AB: le it-tfal tagħha, din kienet ġurnata ma tarahom xejn għax ġurnata minnhom kienet public, kienet 10 ta' Frar

GH: Public holiday

AB: mhmm

GH: sewwa, issa kont tgħid xi ħaġa oħra

AB: ehe, imbagħad mela, on the 20- mela on the 20 February, oħti kienet nieżla mix-Xagħra, u tara, min-niżla tax-Xagħra u hemm iċ-ċimiterju tax-Xewkija, u tara l-Daniel Bogdanovic u l-Ministru Justyne deħlin iċ-ċimiterju. Is-Sibt kien. On the 23rd, on the 22, February, oħti tmur għax-xogħol, il-manager tagħha, taħdem mal-BOV Għawdex imma mhux ġol-bank,hemm oħra li jaħdmu ġol-uffiċini, qaltilha "irċevejna email, inti għada ħa jkollok titla' l-Head Office għax

tas-security iridu jkellmuk għax għamilt xi ħaġa li toffendi lill-Bank". Din oħti panic sħiħ, insomma aħna għidna din xi ħaġa ta' Justyne. Ħija ċempel lil Daniel u qallu "ippruvajt kkeċċi lil dak u lil dak ma kellekx, jekk jiġri xi ħaġa lill-oħti imbagħad nagħmlu l-kont jien u int" u Daniel qallu "mhux vera jien m'għamilt xejn", qallu "ħa nagħmel żewġ telefonati u nerġa' nkellmek" dan Daniel. Daniel reġa' ċċempillu qallu "għidt lili oħtok iċċempilli". Oħti għad għandha 19, single mother, ċemplitlu, għandi t-telefonata rekordjata, beda jgħid li mhux vera, u…

GH: mhux vera xiex?

AB: li mhux vera. Justyne u Daniel m'għamlu xejn biex oħti titkeċċa qallha forsi din xi ħaġa rutina. Qaltlu il-manager stess qalet li email bħal din qatt ma rċeviet. Imbagħad fl-aħħar tat-telefonata tistgħu tismgħuha, qallha "imma qalbi inti missek habbilt moħħok, missek ma ndħaltx".

GH: pero jiena ma fhimtx, għax, x'għandu x'jaqsam l-inċident fejn rathom deħlin iċ-ċimiterju…

AB: aha għax hi, għax hi qed tgħid il-Ministru, li aħna qegħdin stalking warrajha

GH: fuq din il-..fuq l-istalking dejjem

AB: aha mhmm..insomma, u qallha "qalbi missek ħabbilt moħħok, missek ma ndħaltx" għax Għawdex issa sirt jekk il-Ministru u Daniel narahom u nkun qegħda ma xi ħadd, dak ix-xi ħadd ifisser li qed jgħini jew jappoġġjani jew hekk.

GH: inti qabel, qabel din ir-relazzjoni li qed tgħid li kellu, għandu r-raġel tiegħek magħha, lill-Ministru kont tafha?

AB: le. Hu qatt ma laqqani magħa

GH: le kollox sew, mhux laqqakx u..kontx tafha, inti Għawdxija, hi Għawdxija

AB: aha, le, iġġifieri qatt ma ltqajt magħha.

GH: bħala eta' intom tal-istess eta'? Jiena ma nifhimx fl-etajiet, tieħux għalik…

AB: ma nafx jien għandi 37, ma nafx il-Ministru kemm għandha, ma nafx imma qalu…

GH: le le qatt ma kontu skola flimkien jew xi ħaġa hekk

AB: le le

GH; f'dak is-sens qed insaqsik

AB: aha le le

GH: l-istess eta, l-istess clubs etc. Ma kontx tafha.

AB: imbagħad oħti l-għada, dakinhar stess, imbagħad il-Ministru ċemplet lil ħija.

GH: dakinhar ta' xiex?

AB: on the 22 February, meta ħija ċempel lil Daniel biex jgħidlu. Ċemplitlu fis-…qisu għas-siegħa u nofs kien ta' wara nofsinhar. Ħija kien Malta, għax jilgħab mal-Hibs u hu u ġej lura jirċievi telefonata u kien qed isuq u għamilha ġol-karozza, għax la kien isuq, u it-telefonata minn ġol-office ġiet, mhux bil-mobile għax lill-pulizija bil-mobile ċemplitlu, personali tagħha. Qaltlu "hawnhekk il-Ministru tal-Edukazzjoni", qaltlu "inti ċempiltli?" u ħija qallha "le ta", qallha "jiena lil Daniel ċempilt". Qaltlu "imma issa la qiegħda hawn ħa ngħidlek, għid lil oħtok biex din l-istorja iċċekkina mhux tkabbarha" u dan ħija qallha "jekk għada oħti ż-żgħira titlef ix-xogħol l-istorja ħa tittripplika mhux ħa tiċkien". Qaltlu "il-ħin kollu jiġru warrajja" imbagħad qallha "sinjura Caruana", qallha, "oħti għandha dritt tagħmel stalking lir-raġel tagħha?", qaltlu

"iva mela", qallha "ħa nerġa' nirrepettihielek, Sinjura Caruana oħti għandha dritt?" qaltlu "iva mela għax ir-raġel tagħha" qallha "allura issa jekk inti ħa tkun ma' Daniel Bogdanovic dik problema tiegħek mhux t'oħti". Iġġifieri ma…

GH: ok issa inti dan li inti qed tgħidilna issa naturalment huwa fil-kuntest ta' rapport li rridu niktbu aħna

AB: ehe erm…nixtieq…

GH: voldieri hemm xi diffikulta' li xi affarijiet?

AB: nixtieq li, għax jiena Għawdex ok, jiġġifieri n-nies jitkellmu jiġġifieri, u kulħadd wissieni "oqgħod attenta għax il-Ministru kelba ħadra vendikattiva, iġġifieri la qabdet miegħek, xi ħaġa ħa tagħmillek". Iġġifieri jien, important li dawn it-tlieta, ma jinqalahomx iżjed il-quddiem anke ħames snin oħra, ifhem, biex tivvendika ruħha li jitilfu x-xogħol. Fhimt? Għalhekk l-iżjed li ġejt, għax dik il-ħaġa li tipprova tinqegħda bħala "għax jien Ministru lil xi ħadd jitlef ix-xogħol" dik…

GH: dak li imbuttak biex tagħmel dan ir-rapport minħabba l-inkwiet li inti għandek fuq familjari tiegħek li jitilfu x-xogħol

AB: aha, għax ifhem, Għawdex, ifhem, kulħadd jafha, kulħadd jibża' minnha, fhimt, iġġifieri

GH: hemm xi ħaġ' oħra li x'tixtieq tgħidilna?

AB: aha li per eżempju, apparti li l-ground, aħna ma nistgħux nidħlu u hi għax Ministru tista' tidħol, ok, fair enough allavolja għandi t-tifel jilgħab ma nistax immure narah, mhux problema

GH: ma' min jilgħab it-tifel?

AB: sorry?

GH: ma' min jilgħab?

AB: ma' missieru, ma' Għajnsielem

GH: ma' Għajnsielem

AB: għax qabel kont intellgħu jien jilgħab, l-ewwel mal-Pieta' imbagħad ma' Birkirkara imma issa ma nafx għala, issa is-sena l-oħra qalli "aħjar inġibuh Għawdex ħa jkun taħt għajnejja". Għidtlu "fil-football mhux inti taf" u għalijja aħjar għax jien kont tielgħa u nieżla bih. F'Diċembru ġara każ li nixtieq insemmih. Player tal-football ta' Għajnsielem seraq mobile minn ġol-gym, li nattendi jiena u qiegħed eżatt mal-ground tal-football. Dan il-player ġie arrestat imma bil-ħila tal-Ministru Justyne ħareġ, hu qal li mhux veru li seraqu il-mobile, u l-istorja mietet hemm. Issa f'Marzu lagħbu kontra Oratorju, dan il-player, il-mobile xegħlu, li kien seraq. L-owner tal-mobile għamillu xi ħaġa u nduna li xegħlu u ċempel il-pulizija. Il-pulizija marru u sabuh f'idejn dan il-player. Ġie arrestat. Mar Daniel l-għassa. Il-Ministru ċemplet, ma nafx jekk marritx. Irranġaw, il-player ammetta li serqu hu, ġie l-owner, tahulu l-mobile, kien jekk m'hinix sejra żball 1,300 jew 1,700 dan il-mobile, kien jiswa'. U l-istorja mietet hemm għax indaħħlet il-Ministru biex ma jagħmlux rapport, il-pulizija ma tieħux passi…

GH: u dan kif tafu inti?

AB: għax jien immur ġol-istess gym, fhimt? U n-nies imbagħad…

GH: jitkellmu

AB: aha jiġu jgħiduli, "ifhem vera qiegħda miegħu għax hekk u hekk".

GH: jiġġifieri li qed tgħid huwa li huwa biex jipproteġi lil dan il-player involva lill-MInistru biex twaqqaf il-proċeduri.

AB: jiena għalija inġustizzja. U qegħdin isiru ħafna

GH: għax jiena dawn l-affarijiet li qed tgħidli, jien irrid insaqsiha fuqhom.

AB: iċċekkja iġġifieri…

GH: m'għandekx diffikulta'?

AB: tista' tiċċekkja imma ma nixtieqx li jissemma ismi.

SPW: għandek ismijiet ta' nies oħra li jkunu jafu b'dawn l-affarijiet direttament?

AB: heqq, iġġifieri, Għawdex kollu jaf, iġġifieri, l-owners tal-gym, ta' min insteraq il-mobile, iġġifieri…anke ma' tal-ground, fis-sens li tmur il-ground tagħmel ix-xenati għax ma jridux iħalluha tidħol u dawn il-kummiedji

GH: le ħa ngħidlek għalfejn, għax aħna, aħna obbligati illi, dak li ħa nużaw fir-rapport, irridu ngħidulha bih. Allura, jien ma nistax ngħidilha "għandi din l-informazzjoni u ma ngħidhiex minn fejn ġiet

AB: tista' tgħidilha imma imbagħad ir-responsabbilta'

GH: issa…

AB: jekk jinqala' xi ħaġa lili…

GH: ah, xiex? Le le, x'qed tgħid, mhux qed nifhem

AB: le le, ir-responsabbilta' jekk jibagħtli Daniel Bogdanovic theddid?

GH: aha le imma, imma inti qed tagħmel rapport, dan ir-rapport qed tagħmlu biex jiena mmexxi bih

AB: ehe mela

GH: mela, ir-regoli li jien marbut bihom hija dak l-affarijiet li ħa nuża' fir-rapport tiegħi, lilha rrid ngħidlha x'għandi

AB: mhmm iva iva

GH: ma nistax insibha ħati ta' xi ħaġa

AB: mhmm

GH: ħa ngħidu hekk

AB: le imma imbagħad ma rridx ngħidlek li hi tuża' l-poter tagħha biex per eżempju dawk in-nies jitilfu x-xogħol jew jien nitlef ix-xogħol, eżempju jew tiġi …

GH: iva imma inti qed tifhem li jiena ma nistax nagħti dawk it-tip ta' garanziji, fis-sens, mhux qed inbiegħ il-washing machines nagħti garanziji, iġġifieri jekk xi ħadd jieħu għalih għax inti għidt hekk, ma tantx hemm x'nista' nagħmel mhux hekk? Noqgħod attent kif ngħid l-affarijiet ta, voldieri mhux, mhux…ok.

AB: ma nafx jekk tridux taraw il-filmati jew…

GH: le m'għandniex għalfejn, ifhimni, jiena nista' ngħid li inti għandek dawk il-filmati u li jekk hemm bżonn nista' nitlobhielhom…ma naħsibx li hemm għalfejn nagħmlu kopji tagħhom.

SPW: Phone logs? Phone calls?

GH: U l l-logs? Il-logs tat-telefonati tajthomlna hux hekk? Hawnhekk qegħdin le?

AB: imma għandi ħafna iżjed li ma lħaqtx għamilthom qegħdin miktubin bil-biro. Għax dawn t'issa iġġifieri imma għandi…

GH: voldieri din il-card li tajtni tal-…

AB: ehe dik tiegħu kellu

GH: coordinating officer, kienet qabel …

AB: F'Diċembru eżatt mill-ewwel tatu

GH: qabel Jannar

AB: ijja. Kellu mazz daqshekk iġġifieri.

GH: mazz oħxon qed turini

AB: aha ma nistax insibu

GH: x'qed tfittex?

AB: u hawnhekk għandi copy illi għandu l-laptop ukoll, tatu l-laptop. Dawn kienu kollha karti, b'hekk ħadtlu, bħal dik, iġġifieri naħseb għandu xi office tiegħu.

GH: qed turina mazz…

AB: ehe bħal dawk

GH: mazz visiting cards

AB: ehe

GH: pero fuq il-visiting card hemm l-indirizz tal-Ministeru u l-…

AB: u l-mobile tiegħu

GH: u l-mobile number tiegħu mhux hekk? Baqa' l-istess

AB: aha personali

GH: baqa l-istess wieħed

AB: ehe

GH: u email address tal-Gvern

AB: ehe

GH: u dan kien f'Diċembru

AB: ehe.

GH: u sa fejn taf inti, sakemm ingħata dan il-kuntratt ta' tliet xhur, baqa' dejjem il-Ministeru

AB: mhmm. Anke bid-driver

GH: allura meta l-Ministeru qed jgħidu mhux veru, għaliex qed jgħidu hekk?

AB: heqq tistgħu taqbdu tiġu għassa tarawh mal-vapur tas-sebgħa u nofs u ikun bil-karozza tagħha, bil-karozza mad-driver

GH: għadu sal-lum?

AB: iva

GH: jiġġifieri hu sal-lum il-ġurnata qed tgħid għadu mal-Ministeru, pero dak il-kuntratt li kellu tal-ħamest elef fix-xahar dak waqfuh.

AB: hekk qal il-Prim Ministru issa jien ma nafx jekk hux very jew le. imma hu mad-driver iġġifieri jkun u ġieli jitla', titla' hi miegħu, bil-karozza l-bajda li rajtilkom. U bħala l-bajda għandu Johnny Camilleri jaħdem magħha ukoll.

GH: u għidt li ħa jkun bħal Etienne St John?

AB: ehe għax fil-fatt għandhom whatsapp, kellhom whatsapp huma t-tlieta għax kien qrahuli.

GH: dak kien whatsapp chat li kellu mal-Ministru..

AB: aha ta' meta

GH: u Etienne St John

AB: ta' meta, li, li qaltlu li jridi jagħti d-dettalji tiegħu lil-kwartieri tal-Labour biex ikun jista' jidħol magħha meta jkun hemm xi meeting, għax Robert Abela kien ġie Għawdex on the 20 December u kieku m'għamilx dawn l-affarijjiet Daniel ma kienx seta ' jmur meta ġie jitkellem Għawdex u imbagħad dakinhar stess baqgħu sejrin l-isptar bil-karozza s-sewda, il-"GM", jekk mhinix sejra żball, "25", u Daniel ikun isuqha meta jkunu Għawdex, meta tkun il-Ħamis u l-Ġimgħa tħobb tkun Għawdex. Daniel ikun biha u jbiddilha n-number bl-"IQZ702".

GH: jaqlala' l-GM25 insomma

AB: għax ikun fhimt, tiela' u nieżel it-tiġrija iġġifieri, jisshowja bil-karozza.

GH: u dan jkun waħdu?

AB: u ma ħuh imbagħad imorru għall-Ministru

GH: ok

CP: din il-kariga li kienu se jtuh bħala Head of Sports fl-Edukazzjoni, dikha għandek xi dokumentazzjoni?

AB: għax kollox bl-email għax kemm qrali l-email u l-mobile ma kienx [unintelligible]

CP: ok

AB: imma hawnhekk għandi l-calls li per eżempju għamel f'Novembru u anke f'Diċembru, iġġifieri li ħa ssibu li hu għamel personalment il-calls lill-iskejjel għax hu kien iċempel l-iskejjel biex javżahom li ġejja l-Ministru fit-tali ġurnata biex ikollhom kollox lest. Għax Għawdex hu kien ikun għax Etienne ma kienx jista' jitla'..hekk kien qal issa ma nafx jekk hux

GH: iġġifieri Għawdex idur magħħa hu fl-iskejjel

AB: mhmm. U Għawdex li jkun hemm bżonn hu kien jieħu ħsieb. Imma anke Malta għax issa riċenti marru l-Mellieħa u qiegħed magħha jidher fil-video li tefgħu.

GH: u l-ħuh, 'l Goran, għax inti kont semmejtielna li kienet tat xi direct orders lil Goran

AB: ehe għax jiena rajtu stess bil-ħaddiema tiegħu jaħdem l-uffiċjini hemmhekk

GH: Għaliex? X'xogħol x'jagħmel?

AB: għax hu għandu kumpanija tal-construction li, fhimt? Jibni l-affarijiet, jiżboh bil-madum

GH: u qabel, qabel ma' bdiet din ir-relazzjoni bejn Daniel u l-Ministru, Goran ġieli ħa kuntratti mill-Ministeru ta' Għawdex?

AB: no

GH: għandu x'jaqsam ma' Għawdex Goran?

AB: Għawdex jgħix

GH: jgħix Għawdex

AB: u miżżewweġ Għawdex

GH: voldieri qabel ma bdiet din ir-relazzjoni safejn taf int naturalment, ma kienx jieħu…

CP: l-uffiċju ta' Justyne Caruana Għawdex, dak jiġi uffiċju uffiċjali tal-Education?

AB: hekk hemm miktub

CP: jew uffiċju personali tagħha tal-kostitwenza?

AB: uffiċju hemm miktub…

CP: Ministeru tal-Edukazzjoni?

AB: aha Ministry of Education

GH: minister jew ministry?

AB: għandi…

GH: għandek ir-ritratt?

AB: ehe, mela. Government of Malta, ara…

SPW: u dan fejn jiġi?

GH: dan ħdejn l-Isports complex fejn?

AB: sorry?

GH: fejn l-Isports Complex dan?

AB: le, int u tiela' t-telgħa tal-Isptar, hemm triq oħra, ic-Chef Choice, fuqu qiegħed

GH: sorry?

AB: hemm ic-Chef Choice fuqu qiegħed. Il-kappella ta' Santa Marta, le qabel

SPW: Triq Santa Marta, Rabat, Għawdex

AB: ehe. Thank you.

GH: iġġifieri dan huwa uffiċju li tużah, meta ma tkunx Malta ikollha minn fejn taħdem

AB: ehe imma anke n-nies marru

GH: tara n-nies hemmhekk

AB: tara n-nies hemmhekk aha, għax xi ħadd qalli li mar minħabba xi pjaċir u kien hemm Daniel qalli u ddejjaq jikxef il-problemi tiegħu quddiemu, issa. U hemmhekk sirt naf li hemmhekk qiegħed imniżżel bħala l-personal driver tagħha fl-uffiċjini. Xi ħadd li jaħdem x'imkien ieħor, għax hemmhekk hemm uffiċjini oħra, qalli li hemmhekk hu imniżżel biex il-ħaddiema t'hemmhekk taparsi għalhekk tkun, ġejja u sejra miegħu għax qiegħed imniżżel bħala l-personal driver tagħha. Issa ukoll ġew jgħiduli… [is-Sinjura Bogdanovic spjegat ċerti allegazzjonijiet li qed jiġu redatti għax mhumiex relevanti]. Ma nafx jekk hux vera.

GH: [Il-Kummissarju staqsa iktar domandi]

AB: hekk qiegħda l-għajta

GH: hija l-għajta Għawdex insomma

AB: ifhem imma mit-telefonati, jien, meta qaleb f'Ottubru, f'Ottubru diġa' kellu kuntatti ma' Justyne u jiena ma kont naf xejn.

GH: u hi kemm ilha sseparata? Ma tafx.

AB: iġġifieri hawnhekk hawn l-SMS u l-calls iġġifieri għax skont kuljum nikteb bil-biro lil min ċempel, l-iskejjel iġġifieri u lilha, lil Etienne St John, lil Johnny Camilleri, iġġifieri..

GH: Frank Fabri jidħol fl-istorja? Frank Fabri huwa l-Permanent Secretary tal-Ministeru iġġifieri l-Kap tas-Segretarjat

AB: aha lili qalli

GH: tal-Ministeru

AB: ehe lili qalli li ltaqa', imma li, fil-bidu qal li ltaqa' meta hu qrali dik l-email li ħa jkun Head of School of Sports li 2,900 qaltlu "ara x'nistgħu intuh lil Daniel u svaljitana lil Daniel" iġġifieri hekk qalu, jien u l-kbira iġġifieri, dak kien, ma nafx li kien Frank Fabri iġġifieri….

GH: jiġġifieri, din il-konverżazzjoni qed tgħid, Daniel qal lilek quddiem it-tifla

AB: u lit-tifla mhm

GH: illi qed toffrilu pożizzjoni…

AB: ta' Head of School, kien hemm email għax qrali email minn fuq il-mobile

GH: ta' Head of School u hemm email f'dan is-sens

AB: ehe

GH: u email ffirmata minn Frank Fabri, cioe mibgħuta minn Frank Fabri?

AB: ma nafx mingħand min mibgħuta għax..

GH: ok għax jiena saqsejtek Frank Fabri daħalx fl-istorja arax qed nifhmek..kellu x'jaqsam

AB: aha le le ma nafx għax lili qatt ma semmiehuli, lili qalli li ħadituli quddiem il-Perm Sec

GH: eh ok qallek li ħaditu quddiem il-Perm Sec

AB: ehe u qaltlu x'nistgħu noffrulu lil Daniel

GH: x'nistgħu insibu speċi

AB: ehe u x'ħin it-tifla rat 2,900 qaltlu inti bla skola u xejn, fhimt? Qallha ħaditni quddiem il-Perm Sec, qaltlu ara x'nistgħu intuh lil Daniel.

SPW: tiftakar id-data meta din saret?

AB: sorry?

SPW: id-data?

AB: F'Diċembru, f'Diċembru għax hu il-mobile ma kienx jibda' just kien juri hekk, iġġifieri. Heqq anke Għawdex jieħu l-kafe' ma' ħuh u jgħid li qed ittih ħafna affarijiet…minn taħt

GH: ok

AB: għax it-tfal qallhom "For money I do everything", issa…hemm it-tifla hemm barra iġġifieri mhux nigdeb.

GH: hi saret Ministru tal-Edukazzjoni f'Novembru, tal-2020

AB: eh f'Novembru, fil-bidu ta' Novembru ġew jgħiduli li dieħlin u ħerġin il-Grand Hotel kienu jkunu

GH: jiġġifieri f'dak iż-żmien kienet diġa', skont int, miegħu.

AB: hawn il-calls iġġifieri, mill-calls tindunaw.

GH: ok. Daqshekk? Nirringrazzjawk, jista' jkun li nerġgħu nibgħatu għalik

AB: mhix problema

GH: grazzi

TMIEM

| | |
|---|---|
| Traskrizzjoni magħmula minn: | Dr Sarah Pace Warrington |
| Data tal-aħħar reviżjoni: | 18 ta' Novembru 2021 |

DANIEL BOGDANOVIC
COORDINATING OFFICER

MINISTRY FOR EDUCATION

Great Siege Road,
Floriana, Malta

[redacted]

e daniel.bogdanovic@gov.mt

www.education.gov.mt

B/AB/3


education.gov.mt
Ministry for Education
E
Danierl BONGDAN
Secretariat
visibly worn at all
premises. Tags may
sons, shared or
he Management

# Bogdanovic Daniel at MFED

**BD**

## Secretariat Officer

General | Organization | Phone/Notes | Member Of | E-mail Addresses

**Name**

| | | | |
|---|---|---|---|
| First: | Daniel Initials | Last: | Bogdanovic |
| Display: | Bogdanovic Daniel at MFED | Alias: | daniel.bogdanovic |
| Address: | GREAT SIEGE ROAD | Title: | Secretariat Officer |
| | | Company: | Ministry for Education |
| City: | [illegible] | Department: | Ministry Secretariat - MFED |
| State | | Office: | Ministry Secretariat - MFED |
| Zip code: | FRN [illegible] | Assistant: | |
| Country/Region: | Malta | Phone: | |

Add to Contacts    Actions

2. Dr Francis Fabri
Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni

**Subject:** FW: Każ K/036 – ingaġġ tas-Sur Daniel Bogdanovic mal-Ministeru għall-Edukazzjoni

**Attachments:** Letter to Perm Sec Education 2021-04-07.pdf; Risposti- kweżiti- Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.pdf

**Importance:** High

---

**From:** Fabri Francis at MFED
**Sent:** 13 April 2021 15:14
**To:** Polidano Charles at Standards
**Subject:** Każ K/036 – ingaġġ tas-Sur Daniel Bogdanovic mal-Ministeru għall-Edukazzjoni

**Sur Polidano**

**Direttur Ġenerali**

**Uffiċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

**Referenza għall-ittra tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, datata s-7 t'April 2021. Ġentilment nitolbok issib mehmuż, ir-risposti għall-kweżiti elenkati mill-Kummissarju.**

**Inselli għalik,**

---

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com>
**Sent:** Wednesday, 07 April 2021 16:34
**To:** Fabri Francis at MFED <francis.fabri@gov.mt>
**Subject:** Każ K/036 – ingaġġ tas-Sur Daniel Bogdanovic mal-Ministeru għall-Edukazzjoni
**Importance:** High

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Dr Francis Fabri

Segretarju Permanenti

Ministeru għall-Edukazzjoni

Ġentilment mitlub tara l-ittra annessa, li hija mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, u li qed titolbok tidher biex tixhed quddiemu fl-14 ta' April 2021 fil-11.00 am.

Charles Polidano

Direttur Ġenerali


**Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
+356 27 269 593 www.standardscommissioner.com

B/FF/2

**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI

Sur Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika,

Nagħmel referenza għall-ittra tiegħek datata s-7 ta' April 2021 fejn jien ġejt mitlub biex nagħti xhieda fuq punti speċifiċi relatati ma' l-ingaġġ tas-Sur Daniel Bogdanovic f'seduta skedata għall-14 ta' April 2021 fil-11.00am. Qiegħed hawnhekk nibgħat ir-risposti tiegħi għall-kweziti elenkati minnek fl-ittra bit-tama li jkunu ta' għajnuna siewja u jaqdu l-ħtiġijiet fix-xogħol tiegħek.

(a) Is-Sur Bogdanovic kien diġa' fl-iskema tal-Community Workers Scheme u fuq talba li saret fis-7 ta' Diċembru 2020 minn MGOZ lid-District Operations Ltd biex is-Sur Bogdanovic (li kien fl-iskema tal-CWS) ikun trasferit minn MGOZ għal mal-MFED. Dan it-trasferiment kien ipproċessat u seħħ. L-irwol li nagħta kien li jara xi ħtiġijiet jista' jkollhom l-iskejjel tal-iStat f'Għawdex u jressaqhom lil min hu konċernat.

(b) Is-Sur Bogdanovic ma kienx ingaġġat bħala uffiċjal fis-Segretarjat tal-Ministeru għall-Edukazzjoni (MFED) u għalhekk m'hemmx kundizzjonijiet ta' ngaġġ li nista' ngħaddi.

(c) Il-kuntratt għal servizz ma' MFED sar bl-approvazzjoni. It-task ta' dan il-kuntratt kien relatat ma' rakkomandazzjonijiet dwar kif il-missjoni tal-iskola tal-isport tisat' kompli twassal għal eċċellenza sportiva tal-atleti li jkunu qed jattendu fiha.

Bħala parti mis-servizz li kien laħaq wettaq, is-Sur Bogdanovic kien fost l-oħrajn, beda jwettaq ħidma relatata mal-kriterji tal-għażla li jintużaw għad-dħul tal-istudenti fl-iskola nazzjonali tal-isport, evalwazzjoni tal-programmi tal-iskola partikolarment dawk sportivi, u kienet bdiet tiġi studjata l-esperjenza dwar l-iskola tal-Isport tal-istudenti u tal-edukaturi, inkluż ta' skejjel simili barranin, u kien qed jabbozza rapport b'rakkomandazzjonijiet.

(d) Il-Curriculum Vitae tas-Sur Daniel Bogdanovic turi li għandu esperjenza professjonali fil-kamp sportiv kemm ma' numru ta' clubs ewlenin Maltin iżda wkoll ma' għadd ieħor barra minn Malta, inkluż f'Budapest, f'Varna, f'Ruma, f'Sofia, f'Barnsley, f'Sheffield, f'Blackpool, f'Rochdale, fil-Libja u fit-Tunizija.

Is-Sur Bogdanovic għandu wkoll il-UEFA C Diploma Licence Course (2016) u l-UEFA B Diploma Licence Course (2018) waqt li għaddej bil-kors tal-UEFA A. Mill-2019 is-Sur Bogdanovic jokkupa l-pożizzjoni ta' Head Coach ta' Għajnsielem F.C.

Nittama li din l-informazzjoni hija ta' siwi u tindirizza l-punti elenkati fl-ittra tiegħek. Ġentilment nistaqsi jekk għadx hemm il-bżonn li nattendi għas-seduta skedata għal nhar l-14 ta' April 2021.

Tislijiet,

Dr Francis Fabri
Segretarju Permanenti

# Traskrizzjoni ta' xhieda ta' Dr Francis Fabri

Każ: K/036
Data: 14 ta' April 2021

Preżenti: Dr George Hyzler, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika – GH
Charles Polidano, Direttur Ġenerali – CP
Dr Sarah Pace Warrington, Investigatur u Analista – SPW

Dr Francis Fabri, Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni – FF
Ms Maria Galea, Direttur Ġenerali (Strategy and Support) - MG
Ministeru għall-Edukazzjoni
Ms Josette Sant, Direttur (Finanzi), Ministeru għall-Edukazzjoni – JS

---

GH: Mela Dr Fabri, l-ewwel ħaġa, tista' tintroduċi lilek innifsek, bil-kariga u s-sinjuri li hawn miegħek ukoll

FF: Francis Fabri, Segretarju Permanenti, fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u miegħi għandi lil Maria Galea li hija d-Direttur Ġenerali u Josette Sant li hija d-Direttur Finanzi fl-istess Ministeru. Naturalment human mhumiex imħarkin hux hekk? Imma, jiena hu l-imħarrek

GH: Ie kollox sew m'għandna l-ebda diffikulta' li jkunu preżenti, voldieri anke avukati mhux problema. Issa, l-ewwel ħaġa, aħna ħa nitolbuk tixhed bil-ġurament dwar iċ-ċirkostanzi li waslu għall-kuntratt ma' Daniel Bogdanovic li ġie rappurtat fil-media, tajjeb?. Taħlef li tgħid is-sewwa, is-sewwa kollha, xejn ħlief is-sewwa, hekk Alla jgħinek

FF: naħlef li ngħid is-sewwa..u…

GH: taħlef..

FF: naħlef

GH: Mela, li xtaqna, tgħidilna ftit kif sirt taf, jekk sirt taf, jekk taf min hu voldieri, Daniel Bogdanovic ħa nibdew minn hemm

FF: ma fhimtx eżatt il-mistoqsija sorry

GH: mela l-ewwel ħaġa, xtaqtek tgħidilna kif sirt taf lil Daniel Bogdanovic, iltqajt miegħu, ma ltqajtx miegħu, kellimtux, ma kellimtux, kif ġie introdott lilek, ċirkostanzi

FF: ehe Ie, fil-kuntest tas-Sur Daniel Bogdanovic… naturalment, kuntatt miegħu…skont x'nifhmu b'kuntatt miegħu, iġġifieri jien ma poġġejtx bilqegħda miegħu, jiena, bħala uffiċjal pubbliku… naturalment, mexxejna u pproċessajna dak illi kellu jiġi pproċċessat u f'dan il-kuntest kien hemm isem u kunjom għalija iġġifieri, Mr Daniel Bogdanovic, iġġifieri għalija huwa, jew kien, isem u kunjom bħal ismijiet u kunjomijiet oħrajn.

GH: ara, ħa nieħdok daqsxejn lura, jiena fhimt illi Daniel Bogdanovic kien parti mill-Community Workers Scheme, li kien impjegat f'dik l-iskema ta' nies bla xogħol illi jiġu identifikati li jistgħu b'xi mod jagħmlu xi xogħol u jekk ma nixbaljax, mal-Ministeru t'Għawdex.

FF: ehe jiena fil-fatt…

GH: qed ngħid sew jew le? Biex….Qed ngħidlek hekk għax qed nipprova ngħinek għax m'għandix qu….

FF: ehe fil-fatt, sewwa sewwa, sewwa, le le sewwa sewwa sewwa, jiena fil-fatt

GH: quddiemi

FF: jiena fil-fatt kif jista' jikkonferma s-Sur Polidano...

GH: inħalluh barra s-Sur Polidano

FF: u le le għax ikkomunikajt, għax il-kommunikazzjoni għaddejt through him, le bl-ebda mod.. anzi…pero jiena li għamilt huwa li abbażi tal-ittra li bgħattli…

GH: le le tagħtix każ l-ittra għax inti, you pre-empted. Utli, mhux mhux utli voldieri, jiena għandi bżonn inkun naf, Daniel Bogdanovic, kif wasal jiffirma kuntratt, daqshekk

FF: iva iva

GH: issa qed nipprova intihielek l-imgħarfa biex…

FF: sewwa sewwa sewwa.

GH: …biex ngħin

FF: u napprezza anzi. Is-sur Daniel Bogdanovic kien kif għidt tajjeb inti, kien, fl-iskema magħrufa bħala Community Workers Scheme, amministrata mill-entita' partikolari tajjeb? …

GH: il-General Workers Union mhux hekk?

FF: le hija hija hija

GH: jew xi kumpanija tal-GWU

FF: hekk hu hija fl-ittra li bgħatt, għalhekk irreferejt l-ewwel, għax jiena weġibt bil-miktub, id-District Operations Ltd. tajjeb, fejn fejn, jirriżulta allura illi, b'talba li saret mill-Ministeru għall-Għawdex saret lil min imexxi din l-iskema, biex is-Sur Daniel Bogfanovic, jiġi trasferit mill-Ministeru għall-Għawdex għall-Ministeru tal-Edukazzjoni. Sewwa? Iġġifieri s-segwenza, li fl-opinjoni tiegħi kienet, waħda… korretta, illi s-sur Daniel Bogdanovic mela kien diġa' fl-iskema tal-Community Working Scheme, kien diġa' qabel hemmhekk qed jaħdem f'din l-iskema, kien assenjat ma' Ministeru u saret talba mill-Ministeru kkonċernat biex jiċċaqlaq għal Ministeru ieħor.

GH: sewwa, mela ħu paċenzja, għax l-Ministeru kkonċernat għal Ministeru…

FF: skużani, mela, il-Ministeru għal Għawdex

GH: sewwa, il-Ministeru għal Għawdex biex imur mal-Ministeru tal-Edukazzjoni?

FF: it-talba saret, mela

GH: mela it-talba saret, għandi nifhem, mill-Ministeru għall-Edukazzjoni

FF: Le le it-talba saret, le it-talba saret ilgħaliex il-Community Working Scheme mhix tal-Ministeru għall-Edukazzjoni

GH: le le le, ħu paċenzja…ejja nibqgħu…min talab ‘l min? Il-Ministeru għal Għawdex talab lil Ministeru għall-Edukazzjoni jew il-Ministeru tal-Edukazzjoni talab lill-Ministeru t’Għawdex?

FF: le, le l…

GH: dan li ħa tgħidli ħa jkollok tibgħatli id-dokumenti għax inkella mhux ħa niftehmu

FF: ijja le lanqas waħda u lanqas l-oħra

GH: tajjeb, mela għidli liema hi t-tajba..it-tielet option x’inhi

FF: forsi mhux qed inkun ċar jiena skużani. Il-Community Working Scheme hija amministrata minn-entita’

GH: sewwa

FF: mela l-impjegati li qegħdin fil-kotba tagħha biex ngħid hekk, sewwa, tamministrahom hi. Xi darba, li jien m’għandix l-informazzjoni, imma għandi nifhem li s-Sur Daniel Bogdanovic, li kien fl-iskema tal-Community Working Scheme, kien, xi darba, m’għandix id-dettalji jiena, kien ġie assenjat ma’ Ministeru, li kien il-Ministeru għal Għawex.

GH: tajjeb, s’hemmhekk ftehma. Issa, qiegħed mal-Ministeru t’Għawdex. Issa, minn hemm…

FF: issa, il-Ministeru t’Għawdex, kiteb lill-entita’ li tamministra l-Community Working Scheme,

GH: tajjeb

FF: biex is-Sur Daniel Bogdanovic jimxi mill-Ministeru għal Għawdex għall-Ministeru tal-Edukazzjoni

GH: sewwa. Jiġġifieri jekk..

FF: iġġifieri mhux lilna kiteb

GH: mela, kollox sew,kollox sew, pero li qed tgħid huwa illi, kienet l-idea tal-Ministeru ta’Ghawdex li għandu jmur mal-Education? Mal-Ministeru tal-Education? Jew l-Education, f’xi mument talab illi dan Bogdanovic jiġi released jew jiġi assenjat mill-Ministeru t’Għawdex, għal għandhom?

FF: le, jiena m’inhiex, ara, jiena l-unika fatt illi jiena rajt, hija t-talba mill-Ministeru għal Għawdex lill-entita’ li tamministra il-Community Working Scheme

GH: mela voldieri nistgħu neskludu li inti bħala Permanent Secretary, ma tlabtx lill-Community Workers Scheme jew lil xi ħadd ieħor biex dan jiġi mal-Education

FF: le le ma tlabtx jiena

GH: ma tlabtx. Daqshekk.

FF: Għalkemm..

GH: Issa..għandek idea xi ħadd kif qegħdin is-sinjuri hawnhekk, xi ħadd mill-Ministeru tagħkom talabx u forsi inti ma kontx taf biha?

FF: le le…ghal Sur Daniel Bogdanovic ma tlabtx. Li nitolbu biex ikollna aktar nies magħna, nafha minn dejjem u tmur lura snin

GH: le le kollox sew, pero pero, ifhimni …

FF: mhix

GH: jiena, jien qed immexxi uffiċju żgħir ħafna hawnhekk voldieri…

FF: iġġifieri nitolbu, hekk, jistgħu jibgħatulna n-nies, dika nagħmluha il-ħin kollha "isma jekk jkollok in-nies ibagħthomna għax ikollna bżonn aħna" taf kif?

GH: sewwa, sewwa. Jiġġifieri, jiena hawnhekk qed imexxi uffiċu żgħir ħafna ħdejn l-uffiċju tagħkom tajjeb? Pero, ma naħsibx illi huwa l-każ li xi ħadd se jikteb lil xi ħadd biex jgħidlu "ibgħat lil xi ħadd fl-uffiċju tal-Kummissarju" jekk jiena ma nkunx tlabt għalih partikolarment…mhux hekk? Hija normali din li, li Ministeru jikteb biex impjegat li huwa assenjat miegħu, imur ġo Ministeru ieħor hekk? Mingħajr ebda talba, xejn? U persuna speċifika dan voldieri, mhux ibagħtli żewġ handymen.

FF: ifhimni ma nafx, ifihmni ma nafx…

GH: ma tafx.

FF: ma nafx inwieġbek, ngħidlek il-verita' iġġifieri ma nafx inwieġbek…

GH: ok fair enough. L-important li sstabilejna, b'daqxejn tqanżiħ, hija illi bħala Ministeru, ma tlabtux għal Daniel Bogdanovic. Hux hekk?

FF: le jiena t-talba, jiena irċevejt, rajt din il-korrispondenza jiena, mill-Ministeru li marret in-naħa l-oħra

GH: issa, dan meta kien bħala żmien li qed tgħid li rajt din il-korrispondenza? Mhux meta rajtha int, meta kien datat il-korrispondenza?

FF: Ehhh…kienet…it-talba saret f'Diċembru tal-2020.

GH: tajjeb. U f'dak iż-żmien allura, għandi nifhem, ġie re-assenjat minn Ministeru għal ieħor u mexa, u hemmhekk, imbagħad, x'beda jagħmel fil-Ministeru tagħkom issa?

FF: fil-Ministeru tagħna, l-irwol tiegħu, l-irwol li ngħata, huwa li, li jara il, l-ħtiġijiet illi l-iskejjel tagħna jkollhom..

GH: F'Diċembru qegħdin ngħidu?

FF: …l-iskejjel f'Għawdex, iva, minn meta ġie assenjat magħna, għax ovvjament, ġie assenjat magħna aħna rridu ntuh role u…

GH: qed ngħid hekk għax sussegwentement, dejjem skont kif ġie rappurtat, lejn l-aħħar ta' Jannar, sar kuntratt separat. Mhux qed nitkellem fuq dak il-kuntratt għalissa. Issa qed nitkellmu, f'Diċembru

FF: ehe s'issa qed nitkellmu fuq is-Sur Daniel Bogdanovic bħala persuna li qiegħed fil-Community Working Scheme

GH: hekk hu sewwa

FF: iġġifieri miegħi, is-Sur Daniel Bogdanovic, mal-Ministeru għall-Edukazzjoni, m'hemm ebda kuntratt ta' ingaġġ.

GH: tajjeb

FF: m'hemmx, m'hemmx, iġġifieri

GH: dawn jiġu assigned, jiġu… placed ma nafx x'inhi l-kelma

FF: u bħalu hemm ħafna oħrajn..hekk hu, hekk hu, iġgifieri dawn huma, is-sistema kif taħdem kullimkien, mhux aħna biss. Dawna jiġu assenjati mal-Ministeri u l-Ministeri naturalment jaraw x'bżonnijiet għandhom, jippruvaw jaraw daqxejn waħda kif il-persuna jista'…jista' jiffittja f'dik il-biċċa xogħol u jassisti f'dik il-biċċa xogħol. Issa s-sur Daniel Bogdanovic li qiegħed jagħmel, illi qiegħed jagħmel huwa, illi qed jara l-ħtiġijiet li jitilgħu mill-iskejjel, li nista', nista' nista' nikkonferma li l-iskejjel ikollhom ħafna ħtiġijiet, iġġifieri ħafna ħtiġijiet l-iskejjel ikollhom tajjeb? Binjiet kbar, dejjem hemm il-bżonn. Hu naturalment, jiffaċilita' dan il-…dan il-… dan it-tip ta' xogħol biex kemm jista' jkun, il-ħtiġijiet tal-iskejjel jidħlu fil-programmi ta' xogħolijiet, fejn naf jiena, biex nagħti eżempju, jekk għamilna ġimgħa u nofs magħluqin, minħabba l-pandemija, l-iskejjel magħluqin, kif forsi stajtu ssegwu anke minn fuq il-media kien għaddej ħafna xogħol fl-iskejjel f'Malta, tajjeb, iġġifieri xogħol ta' tisbiħ, xogħol ta' tibjid, xogħol ta' manutenzjoni, xogħolijiet li forsi jkunu jistgħu isiru matul il-ġurnata… dak ikun hemm nies qed jikkordinaw…

GH: issa dak li ġie assenjat dan ix-xogħol mal-iskejjel kollha jew Għawdex biss?

FF: le huwa assenjat primarjament għalkemm ma jillimitaniex, sewwa, fl-iskejjel ta' Għawdex. Qed ngħid ma jillimitaniex għaliex aħna nistgħu, għada għall-argument, nassenjawlu job…rwol differenti, rwol ieħor taf kif.

GH: Sewwa pero meta ġie mal-Ministeru tal-Edukazzjoni f'Diċembru, dak kien ix-xogħol li ingħatalu, jiġġifieri, li jara xi ħtiġijiet, għandi nifhem ħtiġijiet materjali, dawn, fis-sens, tibjid u hekk

FF: ijja ijja ijja, l-iskejjel

GH: maintenance u hekk

FF: hekk hekk hekk, iġġifieri l-iskejjel, iġġifieri l-iskejjel dawn huma bżonnijiet regolari iġġifieri jekk wieħed forsi għandu jien naf esperjenza tal-iskejjel

GH: sewwa imma li qed ngħidlek huwa mhux qd nitkellmu fuq curriculum, qed nitkellmu fuq maintenance, xogħol ta' manutenzjoni, tal-equipment, tal-…

FF: le fil-Community Working Scheme, fil-Community Working Scheme li qiegħed isegwi huwa l-ħtiġijiet tal-iskejjel, issa anke hawnhekk meta wieħed jgħid…

GH: le le, ippermettili, għax issa erġajt mortli fil-Community Work Scheme. Hu impjegat mal-Community Work Scheme, qiegħed f'dik l-iskema pero ladarba jiġi għandkom, intom ituħ ix-xogħol.

FF: iva iva mhux hekk mhux hekk

GH: u jibqa' jitħallas mill-Community Workers Scheme

FF: erm, le jista' jitħallas mill-Ministeru ukoll, aħna għandna impjegati, illi jitħallsu… tal-Community Working Scheme illi jitħallas mill-Ministeru

GH: voldieri inti qed tgħidli illi lil Bogdanovic kontu tħallsu…

FF: mhux hekk?

MG: reimbursement

FF: reimbursement ikun

JS: il-paga toħroġ mill-…

GH: mela, mela sewwa qed ngħidlek. Jibqa' jitħallas mill-Community Workers Scheme, mill-iskema u intkom tirrifondu din l-iskema

FF: Sewwa, sewwa, imma mhux għax Daniel Bogdanovic

GH: le le, kulħadd naturalment, le le kulħadd anzi, anzi, issa niġu għaliha. Ħudu liberta' li jekk xi ħaġa mhux koretta, għax aħjar tinżel tajjeb mill-ewwel milli imbagħad ikolli nerġa'..voldieri jekk tridu tikkorreġu aqbdu u ikkoreġu don't worry, m'għandix diffikulta' li tiddiskutu, ok? Voldieri jiena qed nifhem, ħa nerġa nirrepeti, qed nifhem, illi kull min ikun impjegat mal-Community Workers Scheme illi jiġi assenjat x'imkien hu fejn hu, Ministeru jista' jkun Dippartiment, hu fejn hu, il-Community Workers Scheme tibqa' tħallsu hi u dik l-entita' fejn ġie assenjat tagħmel refund, tagħmel reimbursement tal-cost tiegħu, qed ngħid sew jew le?

MG: Jeżistu żewġ…

FF: ehe jista' jkun dak il-każ ħandna imjpjegati li huma hekk. Jista' jkun ukoll illi l-Ministeru ma jirrimbursax, iġġifieri jibqa' jħallas il-Community Working Scheme, li għandna każijjiet ukoll hekk, iġġifieri hemm taħlita tat-tnejn

GH: allura, voldieri qed tgħidli li hemm nies mal-Ministeru mingħajr kuntratt…

FF: le le le

GH: mingħajr kuntratt hux hekk? Mal-Ministeru…

FF: le le le għax il-..il-..il- il-persuna huwa, huwa tal-, tal-, tal-, kif ħa nispjegaha….

GH: iva iva imma jaħasra, jiena, għandi…

FF: Iġġifieri

GH: nies impjegati hawn, jekk jien nibgħathom x'imkien, irid ikun hemm biċċa karta li tgħid li jien, li hemm xi relazzjoni bejnhom u bejnu

FF: iva li jista’

GH: kif, xejn hekk?

FF: li jista’ jkun hemm huwa li li jkun ġie kkonfermat li ġie trasferit mal-Ministeru għall-Edukazzjoni, jiġi kkonfermt li ngħata dan l-irwol, tajjeb? Għax hu jibqa’ xorta waħda fuq il-kotba tal-iskema, mhux fuq il-kotba...

GH: le kollox sew

FF: Hu mhux impjegat tal-Ministeru

GH: ħa ngħidlek ħa nippruvaw nagħmlu eżempju li forsi iktar nifmuh. Jiena għandi segretarja waħda. Jekk hi tkun ma tiflaħx, jiena għandi bżonn segretarja, x’nagħmel? Immur għand, hawn aġenzija tal-apposta, ngħidilhom “tistgħu tibgħatuli segretarja għal xahar?” Jgħidulhom temp, temping dan jgħidulu bħala kategorija. Imma biex xi ħadd jibgħatli segretarja hawnhekk għal xahar minflok is-segretarja tiegħu, jien xi tip ta’ biċċa karta, jiena minn Ħal-Qormi u n-nies meta kienu jiġu għandi biex nagħmilhom ftehim, kienu jgħiduli hekk “għamilli biċċa karta”, biċċa karta li turi xi ħadd qiegħed placed, l-uffiċju tiegħi irid ikun hemm …

FF: ijja ijja

GH: ma jistax ikun m’hemmx dokumenti, xejn.

FF: le le, id-dokumenti li hemm, kif qed nispjega u iġġifieri anke dokument illi xi ħadd talab li ikun ittrasferit hemm, iġġifieri isir bil-miktub dan

GH: tajjeb

FF: mhux xi ħadd qabad it-telefon, ċempel entita’ u jgħidulu “isma iċaqaqli minn dan il-Ministeru għal ieħor

GH: sewwa, mela wasalna biċċa, mela wasalna għal biċċa illi teżisti request, biċċa karta, ssejħilha li trid,

FF: le mhux hekk mhux hekk

GH: li dan ġie ma nafx x’inhi bil-Malti, placed, impoġġi, imqiegħed, assenjat

FF: aha ġie

GH: għax qisu tip ta’ secondment

FF: aha ġie deployed qisu

GH: deployed

FF: deployed għat-terminu mhux eżatt..

GH: mela ikollkom bżonn mingħandkom, il-karta miktuba li ġie deployed għall-Ministeru tal-Education.

FF: ah

GH: issa, jekk għandkom xi tip ta' description tad-doveri illu suppost għamel fil-Ministeru tal-Education, nixtieq kopja tagħha ukoll, ok? Issa, it-tielet ħaġa, meta allura ġie deployed mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-Ministeru tal-Edukazzjoni tah xi flus oltre dak li kien diġa' qed jirċievi mill-Community Workers Scheme?

FF: le le le le

GH: ma kellux xi allowance, bonuses, affarijiet żejda?

FF: le le le

GH: le

FF: le f'dan il-każ le imma jista' jkun il-każ

MG: meta jkun qed jagħmel xogħol, mux kumparat…

FF: le, fil-każ tiegħu le, fil-każ tiegħu le.

GH: mela, fil-każ ta' Bogdanovic ma kellu l-ebda tip ta' remunerazzjoni iktar minn dak li kien qed jieħu mill-Community Workers Scheme

FF: le le. Le.

GH: issa, min kien allura, is-superjur tiegħu u lejn min kien jirraporta? Voldieri meta issa qiegħed fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u issa qiegħed jagħmel xogħol ġewwa Għawdex…min kien id-direct superior tiegħu? Min kien ikun jaf jekk dan mar għax xogħol, ma marx għax-xogħol, x'jagħmel u dawn l-affarijiet? Kien hemm persuna li huwa fuqu?

FF: eh, bħal kull impjegat naturalment wieħed jiffirma ħdejn bħala xogħol, iġġifieri, iġġifieri dak huwa dokumentazzjoni li tintalab. Naturalment ukoll peress illi hu iffukat l-iktar fuq ħtiġijiet tal-iskejjel hemmhekk hemm struttura iġġifieri, aħna fil-kulleġġi għandna precincts officers u allura jirrefera għal precinct officer. Għandna assistant direttur li huwa responsabbli minn xogħolijiet fl-iskejjel li jikkoordina fuq livell nazzjonali xogħol u ħaġa u oħra ukoll, u għandna l-fondazzjoni tal-iskejjel tagħna li ukoll tieħu ħsieb dawn ix-xogħolijiet iġġifieri l-persuna…

GH: id-domanda tiegħi hija, hemm persuna fil-Ministeru li huwa inkarigat mill-performance, mill-attendenza, mix-xogħol li qed jagħmel Bogdanovic, iva, le. mhux l-istruttura. Jiena jekk għandi xi ħadd hawnhekk iġibli l-ilma darba kultant, għalxejn tgħidli għax jien naf li ġabli l-ilma, xi ħadd irid ikun jaf mill-uffiċju tiegħu li ġie hawn, qed tifhimni? Voldieri inti imbilli tgħidli lil dan kull fejn imur, il-persuna inkarigata minn dak il-post jaf li mar, grazzi, iva. Jiena mhux dik qed ngħidlek. Min-naħa tal-Ministeru, kien hemm xi ħadd responsabbli minnu? Li jaf li dan daħal għax-xogħol, ma dahalx għax-xogħol, li għamel dax-xogħol jew m'għamilx dax-xogħol? Iva, le ta m'hemmx fejn titfixkel

FF: Iva le, għax għax iva u, għax hemm imma fl-istruttura iġġifieri, iġġifieri

GH: iva jekk huwa hekk iva imma m'hemmx għalfejn toqgħod tkabbar l-istorja, iva hemm xi ħadd, mela, min hu?

FF: tal-inqas semmejt tleit punti fejn is-Sur Bogdanovic jirreferi

GH: Dr Fabri, jien ma nistax nibgħat għal punt, jien nista’ nibgħat għal persuna, trid tgħidli isem. Voldieri jekk inti tgħidli “għax hemm struttura” jien ma nistax ninterroga struttura .Qed tifhimni? Jien nista’ ninteroga persuna

MG: [unintelligible]

FF: ehe għax, jirreferi, iġġifieri, forsi, forsi, eh.

GH: ħa ngħidlek, ħa niġu daqxejn, għax għax qed tinkwetawni. Jien għandi complaint kif ġie rapurtat fil-media, voldieri mhu se nikxef xejn, illi l-Ministru impjegat persuna għalhiex għandha relazzjoni tiegħu. Mela iktar ma tgħiduliil li dan, ħadd ma kien jaf x’qed jagħmel, ma jirraporta imkien u dawn l-affarijiet kollha, qed tifhem il-konsegwenza x’inhi?

FF: iva iva nifhem u le ah

GH: ok.

FF: qed nifhem

GH: tajjeb

FF: iġġifieri apparti li bħala Community Working Scheme mhuwiex impjegat tal-Ministeru, iġġifieri hu mhux impjegat tal-Ministeru

GH: ma jimpurtax, ok

FF: assenjat iva fil-Ministeru…

GH: mela s’issa sstabbilejna li ma nistgħux nistabillixxu hawnhekk mit-tlieta kemm intkom, dan, x’qed jagħmel fil-Ministeru. Sempliċiment nafu li qiegħed idur x’imkien Għawdex

FF: le le u naf…per eżempju, fir-rapurtaġġ, fil-laqgħat li jkollna, fl-updates li jkollna fuq xogħolijiet li daħlu fil-programm ta’ xogħolijiet, ħaġa u oħra naturalment dana qed jidher illi l-input dieħel iġifieri l-input dieħel, iġġifieri kif f’daqqa waħda, qisu, qisu, qisu, qisu, il-ħtiġijiet tal-iskejjel f’Għawdex qed jidħlu, qed jitilgħu iktar, u qed jidħlu iktar milli kienu forsi jidħlu qabel?

GH: ok fair enough

FF: u u li meta niltaqgħu, meta, meta, meta, meta n-nies…meta l-uffiċjali jirrapurtaw, dana anke ġieli irid idur magħhom, iġġifieri…

GH: ara, f’xi żmien f’Jannar, jingħad li ġie iffirmat kuntratt għal tliet xhur, b’salarju ta’ ħamest elef fix-xahar jew ma nafx kemm qalu fil-media. Inti taf bih dan il-kuntratt?

FF: eh użgur naf bih iva. Jiena anke hawnhekk nixtieq forsi, forsi niċċara ftit, ta, nixtieq forsi niċċara ftit. L-ewwelnett hawnhekk aħna qed nitkellmu fuq contract for service. Mela mhux ingaġġ, lanqas dak, mhuwiex ingaġġ, iġġifieri hawnhekk…

GH: Dr Fabri. Tassumiex illi jiena injorant. Tajjeb? Toqgħodx tagħmilli distinzjonijiet bejn contract for service jew contract of service jew kwalunkwe ingaġġ ieħor. Qed insaqsik, ġie allegatament ffirmat kuntratt, hu x’inhu ta’ liema tip hu, mas-Sur Bogdanovic, mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, skont ma’ ġie rappurtat fil-media. Id-domanda tiegħi hija taf bih, jew ma tafx bih?

Ittinix lecture fuq contracts of service u mhux contracts for service, għax ma jagħmluli ebda differenza, ftehmna? Ok.

FF: iva, iva

GH: mela għidli, inti taf, jew ma tafx, ġiex iffirmat kuntratt mas-Sur Bogdanovic….

FF: iva iva dażgur

GH: u jekk jeżisti, nixtieq kopja tiegħu

FF: iva, nista' nikkonferma li jiena naf bih. [pawża] Niskuża ruħi jekk forsi qed tħoss li jiena qisni qed nipprova nagħti lecture, imma d-distinzjonijiet…

GH: le le, qed insaqsi d-domandi sempliċi, nagħmel sforz biex id-domanda tkun ċara u sempliċi kemm jista' jkun u jkolli risposta kumplikata illi ma twassalni mkien

FF: le le imma iktar milli, iktar milli nerġa'…

GH: naf li inti ppressat għall-ħin u qed nipprova ngħaġġel

FF: nerġa' nerġa' iġġifieri…

GH: biex inlaħħaqlek l-appuntament tiegħek

FF: nerġa' niskuża ruħi imma bl-ebda intenzjoni li nipprova nagħti lectures jew li nipprova

GH: sewwa

FF: assolutament, sinċerament iġġifieri..

GH: mela, għidli biss, taf jew ma tafx

FF: iva iva, naf…

GH: jekk taf bih, għidli x'taf fuqu

FF: iva naf, huwa contract for service fejn il-Ministeru xtara servizz. Ma ngaġġax persuna, mhux qed intiha salarju, le għax hi fl-amministrazjoni pubblika, teżisti differenza bejn contract of service u contract for service. Hawnhekk inxtara servizz, servizz partikolari ħafna, tajjeb? Is-servizz huwa li wieħed jara ftit, skola partikolari, muhx l-iskejjel, għax fil-media kienet rappurtata li fuq skejjel ħaġa u oħra, mela l-persuna ma kinitx ingaġġata għax kieku contract of service. Inxtara servizz, das-servizz mitlub huwa li wieħed jara l-kriter-…l-ewwel hija skola tal-isports, tajjeb? Mela mhux skola bħall-iskejjel kollha, hija skola tal-isport. L-iskola tal-isport, għandha l-aspett kurrikulari, għalkemm currikulum mhux xi ħaġa kbira, imma mhux se nidħol fiha għax nerġa' ngħid, mhux niġi hawnhekk biex nagħti l-impressjoni biex, x'jismu…u għandha l-programmi. Huma kurrikulari ukoll, sportive, tajjeb? Issa il-dan il-kuntratt, il-contract for service, is-servizz li nxtara qed jitlob jew talab, illi wieħed jara ftit esperjenzi ta' skejjel simili barra l-pajjiż, jara ftit il-kriterji tal-għażla, li jsiru f'Malta. Hija, huma għażliet illi jagħtu t-timbru tal-iskola ta' sport? Jew hija skola li fiha hemm inkluż l-isport? Is it an [elite] school?

GH: Alight xi tfisser?

FF: għax l-intenzjoni hi, il-missjoni hi illi l-iskola tal-isport fiha ikollok l-aqwa atleti li hawn fil-pajjiż, iġġifieri li inti tidħol ġo fiha u tara c-champions kollha ta' Malta. Iġġifieri inti fiha, l-iskola tal-isport nazzjonali, l-istudent ittih dak iċ-ċans li jeċċella ħafna iktar milli kieku baqa' fi skola normali, mainstream. Iġġifieri l-focus huwa fuq l-isport.

GH: sewwa

FF: sewwa? Mela

GH: Mela, mela dan Daniel Bogdanovic ġie identifikat biex jagħmel dan ir-rwol, jaqdi dan ir-rwol li għandi nifhem huwa deskritt, probabbilment, fil-kuntratt, hux hekk?

FF: hekk hu

GH: voldieri ,meta inti ħa ttini kopja ta' dan il-kuntratt, jekk m'għandekx miegħek hawnhekk, ħa tgħid, ħa jkollu terms of reference, description tal-…

FF: ijja ijja

GH: tajjeb. Voldieri biex allura biex ġie identifikat, Daniel Bogdanovic għal dan ix-xogħol, x'eżerċizzju sar? Kien hemm xi call for applications, kien hemm xi tip ta' avviżi, rajtu nies oħra li kienu kompetenti? Interviews? Jew ġie ħa ngħid hekk, 'handpicked'.

FF: eh il-contract for service, fil-kuntest, jiġġifieri, aħna l-iskejjel jiftħu f'Settembru u nerġa' niskuża ruħi jekk ħa nagħti dettalji….ehe imma għax jekk wieħed jaqla' jaqla' jaqla' s-suġġett mill-kuntest…

GH: Dr Fabri. Jien m'għandi għaġla ta' xejn. Tista' ddum kemm trid.

FF: imma jkoll….

GH: Imma, m'inti se tasal imkien b'…mela kompli kompli mhux se nwaqqfek, mhux se nwaqqfek

FF: imma…il-contract for service…ok ok ok..le

GH: tista' tgħid li trid

FF: le il-contract for service segwa l-proċeduri sstabiliti kif tixtri servizz

GH: tajjeb

FF: eqq issa mhux qed nagħti l-kuntest, nixtieq nagħti l-kuntest

GH: ma, inti liberu li tagħmilha, m'għandix diffikulta'

FF: għax wieħed, wieħed jien naf, eqq…

GH: Dr Fabri. Inti…li tispjega kif tixtieq

FF: li tispjega kuntest eqq imbagħad wieħed jgħid "ah qed tara mela hekk"

GH: tajjeb, poġġiha fil-kuntest

FF: iġġifieri aħna, aħna, din l-iskola tiftaħ bħall-iskejjel kollha f'Settembru, pero il-proċess tal-għażliet eċċ. jibda' fil-bidu tas-sena. Meta wieħed jinkwadra illi isma, jekk aħna ser nieħdu d-deċiżjoni illi inħarsu lejn il-kriterji tal-għażliet tal-istudenti, jekk aħna ser inħarsu lejn l-istruttura tal-iskola, jekk aħna ser inħarsu lejn, kif inhuma pprogrammati l-programmi, iġġifieri jekk tistax tkun iktar skola tal-isport milli hi, dak kollu għandu time window, iġġifieri t-time window aħna, b'xorti tajba jew ħażina, fl-iskejjel, ikollna nagħtu ħafna ħafna każha tagħha din…

GH: tajjeb

FF: ħafna każ, għax għandha arloġġ partikolari

GH: mela. Qabel ma tfaċċa s-sur Bogdanovic, minħabba din it-time window li trid bilfors, li trid bilfors timla' din il-pożizzjoni f'dik it-time window, dan ix-xogħol jien jagħmlu xi ħadd ieħor fis-snin ta' qabel? Jew kienet xi ħaġa illi ġiet ivvintata propju f'Diċembru meta tfaċċa is-Sur Bogdanovic?

FF: jiena naħseb li ma tkunx, ma tkunx …ma nkunx..ma nkunux korretti li qed ngħidu kienet 'ivvintata'. L-iskola tal-isport…l-iskola tal-isport…

GH: li qed insaqsik Dr Fabri huwa dan ix-xogħol kien jagħmlu xi ħadd ieħor qabel, iva, le.

FF: le sallum, sallum, dat-tip ta' xogħol ma sarx.

GH: tajjeb, mela kienet l-ewwel darba li

FF: ma ffissirx…

GH: illi ġie identifikat xi ħadd biex jagħmel dan ix-xogħol, qed nifhem sew ?

FF: iva, imma ma jfissirx illi qatt ma kien hemm, iġġifieri jekk wieħed jara d-dibattiti fuq l-iskola nazzjonali tal-isport, wieħed jarahom, iġġifieri iħosshom dawn il-…"isma l-iskola tal-isport per eżempju, għandha l-faċilitajiet sportivi?" Jekk jiena mmur ġo sptar, nippretendi illi għandi l-faċilitajiet kollha neċessarji. Hemm il-x'jisimhom kollha? Il-bilanċ skont mudelli barranin, hemm, kien sar studju, biex wieħed jara isma, jekk inħarsu lejn mudell Ingliż, inħarsu mudell Taljana, skola nazzjonali tal-isport tibbilanċja b'dan il-mod, tagħti t-timetable, b'dan il-mod. Aħna f'Malta sar biċċa xogħol tajjeb ħafna meta infetħet l-iskola tal-isport, tajjeb? Kienet deċiżjoni tajba ħafna. Meta infetħet kienet ġo skola iġġifieri kien instab kuritur u ingħataw erba' klassijiet. Imbagħad imxejna post ieħor. Imma d-domanda li dejjem baqgħet qatt m'imwieġba hija "isma, hemm lok illi l-iskola nazzjonali tal-isport tkun skola ta' eċċellenza tal-isport? U l-contract for service, il-contract for service li ngħata, jindirizza dawn il-punti.

GH: tajjeb. Issa, il-…Bogdanovic, min sabu? Min ġabu għandek, min kell-…jekk ġie għandek ta voldieri….kif wasaltu biex tiftehmu illi għandu jsir kuntratt ma' dan il-persuna, naf li diġa' għidt mal-ministeru voldieri fis-sens mhux xi persuna lil l-Ministeru ma jafux pero, kien hemm xi tip ta' laqgħa mal-Ministru Caruana b'mod partikolari minħabba dak li ġie rappurtat fejn introduċietu jew staqsiet x'jista' jagħmel jew offriet is-servizz tiegħu. Kien hemm xi tip ta' kuntratt magħha li hi jew,..għidli inti għax jien..ma nafx.

FF: jiena li nista' ngħid huwa li aħna pproċessajna t-talba, kif konna mistennin illi nagħmlu ..

GH: it-talba mingħand min?

FF: għax dana jinxtara servizz, irid jinxtara dak is-servizz. Aħna min-naħa tagħna rajna li s-servizz jinxtara kif jippermettu r-regolamenti.

GH: ħu paċenzja, mhux dik id-domanda tiegħi. Meta, kif ġie, qed insaqsik, kif ġie identifikat dan il-persuna għal dan ir-rwol? Kien hemm l-intervent tal-Ministru, iva, le, iktar dirett minn dak ma nistax inkun

FF: ifihmni nippreferi, ma nħossnix komdu inwieġeb għall-Ministru. Nippreferi jekk tkun il-Ministru li tiweġeb..

GH: mhux għall-Ministru...jiena mhux qed ngħidlek x'għamlet il-Ministru, x'għamilt int, jew in-nies tiegħek, iġġifieri taf bihom int, jiġġifieri inti, għandi nifhem illi l-kuntratt iffirmajtu jew int jew xi ħadd mill-Ministeru

FF: iva, iva l-kuntratti kollha jiena niffirmahom

GH: tajjeb hekk assumejt

FF: bħala Segretarju Permanenti, iġġifieri…

GH: mela, mela, jekk inti ffirmajt il-kuntratt mas-Sur Bogdanovic tfisser illi inti kont bilqegħda fuq naħa tal-mejda, u hu bilqegħda fuq naħa l-oħra tal-mejda. Qabel ma ġejtu għal dan il-kuntratt, kien hemm laqgħa ma', f'dan il-każ, mal-Ministru? Jien qed ngħidlek, dan kkollu ġie rappurtat fil-media, bejn wieħed u ieħor, qed nimla, qed nipprova nimla' l-vojt voldieri biex ikolli l-istorja meta niġi biex nagħmel ir-rapport tiegħi, kif jiena obbligat nagħmel bil-liġi, mhux, mhux, b'kapriċċ dan qed nagħmlu, jew għal xi gost partikolari.

FF: jiena s-Sur Daniel Bogdanovic intgħażel, iġġifieri l-għażla ġiet għandna, l-għażla ġiet għandna..

GH: l-għażla ġiet għandna kif?

FF: l-għażla, l-għażla ġiet għandna illi isma, hemm din, hemm dan il-bżonn, illi l-iskola tiġi reviewed, tajjeb? Forsi mhux kif ġie rappurtat fil-media, tajjeb? Iġġifieri, iġgifieri ma kienx hemm, iġġ-il-persuna ma kienx mistenni…is-servizz ma kienx mistenni li jidħol fl-aspett kurrikulari kif ngħallmu l-Malti, kif ngħallmu l-Ingliż, jekk mhux qed ngħallmuh tajjeb. Tajjeb? Iġġifieri ma kienx, ma kinitx fir-remit ta' dan is-servizz. Li ġie għandna huwa, huwa li dan is-servizz jingħata mis-Sur Daniel Bogdanovic. Hemm il-curriculum vitae tas-Sur Daniel Bogdanovic illi..illi..illi meta wieħed, meta wieħed jaraha, wieħed jifhem illi, illi, illi dan is-servizz, dan is-servizz…jekk wieħed isegwi l-proċeduri nerġa' ngħid, stabbiliti, u jekk ikun hemm l-approvazzjonijiet imbagħad, mill-awtoritajiet kkonċernati, wieħed seta' jmexxi bih, fil-fatt kien hemm l-approvazzjonijiet…

GH: Dr Fabri, nerġa' nitolbok, tgħidlix affarijiet ta' straċċu. L-approvazzjonijiet, kkonċernati, l-awtoritajiet kkonċernati, għidli min huma. Mela l-approvazzjonijiet skont dik ir-regola, awtorita' hija dik…biex ikolli xi ħaġa fuq xiex nirreferi, imma…

FF: iva iva biex tagħti …

GH: għax noqgħod fir-rapport tiegħi

FF: għandek raġun għandek raġun

GH: ġew l-awtoriżazzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti, u ma nafx min huma. Assumi li jien ma nafx issa ix-xogħol tagħkom…

FF: sewwa sewwa sewwa sewwa

GH: voldieri jiena ma nkunx naf x'hemm wara

FF: sewwa sewwa, għax ma tkunx taf…

GH: voldieri li tgħidli li ġibt l-approvazzjonijiet iġġifieri li jiena fhimt, mill-ftit esperjenza li għandi f'ħajja oħra, illi the buck stops with the Permanent Secretary, meta jiġi għal dawn l-affarijiet. Voldieri, huwa l-Permanent Secretary li jagħti l-approvazzjoni, m'għandux bżonn l-approvazzjoni ta' xi ħadd biex jimpjega lil xi ħadd. Jekk għandi żball għidli

FF: le le naħseb u le mhux kwistjoni ta' żball. Naħseb kwistjoni ta' żewġ punti. One, dan mhux impjieg. Iġġifieri skużani, imma skużani, għax hemm barra hekk ħarġet, għax fil-media li qed tirreferu għalija, rightly so, qed tgħid li ngħata impjieg. Dan mhuwiex impjieg. Dan qed, inxtara servizz. M'hemmx paga…

GH: Dr Fabri

FF: għax din bħalma inħarġet ħamest elef…

GH: jekk ngħodd kemm il-darba inti għidtieli din naħseb qbiżna t-tletin waħda

FF: ehe imma għax għax …

GH: insa d-differenza għal mument u serraħ rasek, fir-rapport ħa nagħmilha din id-distinzjoni

FF: għax ingaġġ, ħamest elef fix-xahar…le le le. Dan inxtara servizz. Qisni ħa nixtri dak il-flixkun u dak il-flixkun għandu prezz

GH: kollox sew

FF: u jien se nieħu dan il-prezz, ma jfissirx li qed inħallas…

GH: dik hija opinjoni, nista' naqbel jew ma naqbilx magħha, dik imbagħad ħalli f'idejja biex nagħmel…

FF: le le imma dawn…this is a fact. Jekk dan il-vażun jiswa' għaxar ewro, ma jfissirx li għandu żewġ ewro ta' dik il-bużżieqa, żewġ ewro oħra tal-widna, żewġ ewro…il-flixkun li ħa nixtri, huwa 10 ewro. Mhux, mhux ingaġġ dan. U naf u skużani, mhux qed nagħmilha, biex, biex, biex, biex x'jismu,

GH: ma jimpurtax, qed ngħidu …

FF: sinċerament skużani, imma jekk aħna, jekk aħna, ser ser ser ser nagħtu im – jekk jiena ser nagħti l-impressjoni illi dan huwa ingaġġ, dan huwa xiri ta' servizz. Il-persuna, kuntratt ta' ingaġġ, ta' xogħol, wieħed għandu, mal-…l-iskema tal-Community Work Scheme

GH: il-paga tiegħu mal- Community Work Scheme baqgħet għaddeja fil-frattemp?

FF: għandi nifhem li iva u

GH: jiġġifieri, voldieri allura, meta is-Sur Bogdanovic qed, qed ibigħ dan is-servizz... ejja nassumu li s-Sur Bogdanovic, huwa allura dak il-važun, u qed ibigħ dan is-servizz, oltre dak is-servizz baqa' ukoll jitħallas taħt il-Community Workers Scheme ?

FF: eh, heqq mhux hekk, mhux hekk, bħalma impjegat jagħmel xogħol u jista' jagħmel…part-time fuq xi ħaġ' oħra, sewwa? Issa jiena hawnekk irrid nippreċiża, dan il-kuntratt dan ma tħallasx…iġġifieri anke fuq ħlas u ħaġa u oħra iġġifieri, il-media forsi tat l-impressjoni, jien għalhekk …

GH: jekk il-media qalet xi ħaġa ħażina, għax jiena jekk ma tmeruhiex formalment jiena ħa naħseb li għandhom raġun

FF: imma dak li qed nipprova, dak li qed nipprova, issa jekk iniex kapaċi nagħmilha ma nafx, pero il-media qalet li hemm kuntratt ta' ingaġġ. Mhux ingaġġ, inxtara servizz

GH: iva ftehmna, dan huwa, xtrajtu važun. Issa mhux dik id-domanda tiegħi. Id-domanda tiegħi hija, waqt illi qegħdin tħallsu għal dan is-servizz, fil-frattemp, bqajtu tirrifondu is-salarju tiegħu bħala membru tal-Community Workers Scheme, iva, le, jew ma nafx.

FF: heqq jidhirli li iva u?

MG: jibqa' jitħallas

FF: iġġifieri dana…

GH: iva, ir-risposta hija iva

FF: qed jagħmel ix-xogħol tiegħu tajjeb? Idur l-iskejjel jew jaħdem man-nies biex itella' x-xogħol ħalli fl-iskejjel isiru x-xogħolijiet…

GH: issemma', issemma'

FF: u fil-frattemp ingħata…

GH: li waqt li kien mal-Ministeru, kellu xi tip ta' business card u email address fuq il-Government database eċċ. Tafu biha din, tistgħu tikkonfermaw hix vera jew le?

FF: fuq il-, fuq il-..li għandu business card ma nafx… sewwa…iġġifieri ma nafx, inkun pružuntuž jekk ngħid

GH: le le jew taf jew ma tafx

FF: ma anfx ma nafx, iġġifieri u wieħed irid japprezza ukoll u skużani nerġa' għal darb'oħra… Il-Ministeru għall-Edukazzjoni huwa MInisteru kbir ħafna iġġifieri jien ma nistax nkun naf, kulħadd, fil-blokka waħda biss, għandi erba' mitt ruħ jiena, l-ebda Ministeru…

GH: iva, iva imma ħa nkun ċar, qabel ma ngħata dan il-kuntratt, ta' xiri ta' servizz, x'inhu, jingħad illi huwa kellu business card tal-Ministeru, b'email address tal-Ministeru…

FF: ara ma nistax

GH: issa, allura li qed insaqsik huwa ladarba saret allegazzjoni li xi ħadd li m'għandux rwol speċifiku ħlief li jdur l-iskejjel biex jara waqgħetx iż-żebgħa tal-bibien, fil-Ministeru, huwiex normali li

jkollu business card u li jkollu email address ta’ dak il-Ministeru? U jekk inti allura li fil-media qrajt li din teżisti, qrajtx hux il-każ li impjegati oħra f’dik il-pożizzjoni ikollhom card bħal din?

FF: le tal-business card..

GH: ma tafhiex

FF: ikolli nistqarr ma qbadthiex, anqas mill-media, iġġifieri, ngħid il-verita’ iġġifieri..ma qbadthiex.

GH: ok fair enough

FF: jekk wieħed għandux jkollu kuntatt ħaġa u oħra naħseb li huwa argument ieħor pero ma nafx jekk għandux jew le iġġifieri nkun qed nigżwida jekk ngħid

GH: ok. Ok.

FF: eh ħaġa jew oħra

GH: tista’ tikkonfermaw biex, għal-laqgħa li jmiss taraw, tagħmlux indaġni, tinfurmawni ħarġitx business card bħal din, jekk ħarġet, bl-awtorizzazzjoni ta’ min, jekk ħarġet mingħajr awtorizzazzjoni tgħiduli hekk. Fir-risposta li bgħattli ilbieraħ indikajt li dan Bogdanovic huwa footballer ovvjament jiena dilettant tal-football u naf, u li dan biddel jew lagħab ma’ diversi clubs kemm Malta u kemm barra minn Malta. Milli tara, milli tara anke mill-website mid-database tal-MFA u ma nafx fejn rajtha, dan prattikament biddel clubs hawn Malta jew barra minn Malta kważi kull sena, għax minn sena sa sentejn, u għamel ma nafx, għaxar, ħmistax il-club differenti. Oltre din l-esperjenza illi għandu bħala footballer ma’ diversi clubs li biddel regolarment, u oltre li għandu il-coaching licence B u C, għandu xi esperjenza akkedimika fl-isport management, fil-…għax issa mhux qed nitkellmu iżjed fuq… ir-rwol tiegħu mal-Ministeru qabel ma ġie iffirmat dan il-famuż kuntratt ta’ tliet xhur, insejħulu x’insejħulu. Qed nitkellmu issa, meta ġie biex jiġi ingaġġat għal dawn it-tliet xhur biex jagħmel dan ir-rapport li semmejtli, kellux kwalifiki, jew kwalifiċi oħra oltre li lagħab il-football u għandu coaching licence B u C, fuq is-CV tiegħu hemm xi ħaġ’oħra?

FF: ara fis-CV tiegħu, kif qed tgħid tajjeb inti, hemm referenza għall-esperjenza ħa nsejħilha prattika …

GH: tajjeb, oltre dak, I’m conceding it, naf għax naf anke bħala fatt jien għax dilettant tal-football, u segwejtu lil Bogdanovic u player tajjeb

FF: issa dak ukoll għandu l-kuntest, hux hekk, issa dak hemm kuntest

GH: issa, oltre dak, oltre li lagħab il-football

CP: imma hu qed jgħid, il-Perm Sec t'Għawex, li dan diġa qiegħed hemm, iġġifieri kellu żball?

FF: le hu…ifhimni, nerġa ngħid…jiena mhinix il-Permanent Secretary t'Għawdex, pero il-Permanent Secretary t'Għawdex attachja screenshot tas-sistema illi jien spjegajt x'seta' ġara, illi fl-istess mumenti, inti ma tagħmilx task…one task at a time, iġġifieri inti, immaġina, Ministru beda ġdid, tajjeb, beda ċ-ċaqliq, ikun hemm ħafna ċaqliq għaddej, mhux biċċa xogħol lestejnieha, ngħaddu għal biċċa xogħol oħra, inlestu biċċa xogħol oħra, li nista' ngħid huwa illi meta saret, meta daħlet dik l-informazzjoni fis-sistema, li kif qed jgħid il-Kummissarju, jista' jkun li kienet hemmhekk qabel ukoll għax jekk kellu email address, kien diġa fis-sistema, imma biex xi ħadd biddilha u għamilha secretariat officer, ok, ifisser li l-proċess kien inbeda, li kien inbeda very, mhux mitqum, kien inbeda. U hemm sar l-iżball għax biex inqelbet, biex tinqeleb, u ssir secretariat officer, irid ikun hemm kuntratt effettiv. Wara ssir. Issa jiena nifhimhom l-uffiċjali pubbliċi u fid-dover li niddefendihom, avolja ħadt, ħadna d-deċiżjonijiet li kellna nieħdu.

GH: ara per eżempju dan għandu dan il-..pass

FF: sewwa sewwa

GH: jew x’tgħidlu

FF: sewwa sewwa

GH: it-tag, it-tag

FF: sewwa sewwa

GH: fejn qed jindika illi huwa fis-segretarjat

FF: ehe dikha ma nafx, ma nafx, ma nafx…

GH: dan min ikun ħarġu dan it-tag?

FF: eh noħorġuhom min-naħa tagħna, dik toħroġ, iġġifieri dik toħroġ min-naħa tagħna naturalment trid issir talba erm… jiena dikha l-ewwel darba li qed naraha iġġifieri mhux qed naraha…hija tag illi, illi l-impjegati ikollhom biex tiddistingwijhom għax dana, ġeneralment kull ma hija dik hija li inti tiddentifika lilek innifsek, erm, iġġifieri aħna n-natura tagħna tidħol f’ħafna skejjel eċċetera erm..u inti li jkollok tag li jurik li inti ġej mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, qiegħed fil-Ministeru…meta ngħid fil-Ministeru mhux qed ngħid fis-segretarjat…

GH: hawn hemm secretariat, hawn miktub speċifikament secretariat

FF: eh ma nfx, inkun irrid niċċekkja fuqha għax inutli…ma nafx

GH: voldieri, kieku kelli nsaqsik tafx f’dal perjodu li allura kien jidher illi huwa mas-segretarjat imma mhux mas-segretarjat għax m’għandux kuntratt, ħarġulu xi allowances speċjali mill-Ministeru? Jew mis-segretarjat? Mill-Ministeru…

FF: le mhinix infurmat le

GH: voldieri jekk jien ngħidlek per eżempju dan, għax-xahar ta’ Diċembru ingħata allowance ta’ €450 żejda fuq il-paga tiegħu? Jew per eżempju li kellu karozza disponibbli

FF: Mhinix infurmat le.

GH: Ok apparti li kellu t-tag voldieri, u l-…l-email address..

FF: heqq tal-email spjegajtha, iġġifieri spjegajt, spjegajt…

GH: le le kollox sew

FF: spjegajt x’ġara

GH: taf għaliex

FF: u l-amministrattiv ħa, ħa l-miżuri li kien hemm bżonn jieħu

GH: kollox sew, imm jien qed ngħidlek…

FF: tajjeb?

GH: apparti l-email address, jidher, jirriżulta, illi kellu dit-tag li qed nurik, li jidher li huwa fis-segretarjat, jirriżulta li dak ix-xahar ingħata €450 f'xi forma ta' allowance

FF: le jiena jiena nap..nap…napprezza, fuq din l-allowance, illi jekk hemm xi, xi dokumentazzjoni, ġen…iġġifieri qed nitlobkom jekk tistgħu tgħadduli għax naturalment ma nafx…pero jekk tistgħu tgħadduli erm..bħal ma ħadt azzjonijiet, bħalma ħadt l-azzjonijiet fuq il-każ tal-…tal-…tal-informazzjoni li dehret fuq is-sistema, u twaqqfet, erm, inkun nista' nieħu l-azzjonijiet…

GH: inti ċċekkja daqxejn min-naħa tiegħek għax ħa ngħidlek…ħa ngħidlek għalfejn għax jiena mhinix liberu illi….

FF: għax wieħed irid jara ukoll x'inhuma dawn iġġifieri, dawn x'inhuma, u minn fejn ħarġu…

GH: yes yes ħa nghidlek…

FF: u minn fejn ħarġu, minn ħariġhom, iġġifieri dawn ħarġuhom…

GH: fuq il-payslip tiegħu, issa li qed nissuġġerixxi li tara daqxejn inti min-naħa tiegħek.

FF: nista' nitlob biċċa karta?

GH: u tiktbilna…sorry… u tista' tiktbilna…

FF: skużani…

GH: żommha żommha żommha żommha

FF: iġġifieri qed ngħidu ..

GH: li għax-xahar ta' Diċembru,

SPW: 1st December to 31st December 2020

FF: il-pagament kien?

SPW: il-perjodu

GH: eh mal-payslip

FF: to 21st?

SPW: 31st , 31st

GH: le le mal-payslip ta' Diċembru jiġġifieri, kien hemm € 450 żejda. Issa…

FF: issa, kemm kemm niġbed l-attenzjoni, naturalment, din ħa nkun qed niċċekkja…

GH: le le

FF: u tifhmu illi ma nistax inwieġeb għax

GH: ħa ttini r-risposta meta tkun komdu

FF: pero irrid niġbed l-attenzjoni, hawnhekk, forsi nanticipa forsi mhux ħa nkun…il-pagament is-salarju tiegħu ma jinħariġx mill-Ministeru, tinsewx, għax aħna qed nirrimbursaw, mhux inħallsu

GH: iva, iva

FF: issa

GH: hekk hu, qegħdin naqblu

FF: issa, inti tlabtni, biex ngħaddi l-pagamenti li tajnieh, u jiena, l-unika pagamenti li tajnieh u jiena l-unika pagament li ħareġ mingħandna huwa tal-kuntratt

GH: sewwa sewwa

FF: lanqas ir-rimbursar għadna m'għamilna, ir-rimbursar, issa mhux għax aħna slow, jew aħna traskurati ilgħaliex aħna, l-invoices, in-nies li jaħdmu fl-accounts, jagħmlu l-mistoqsijiet, hija hija attitudni din, hija prattika li inti…

GH: imma ejja issa qed nitkellmu…seba', tmien xhur wara

FF: eh imma l-invoice ma ġiex għandna tmien xhur ilu, noqgħodu attenti,

GH: ma jimpurtax, hu x'inhu

FF: l-invoice ġie  tard Marzu, aħna qed nagħmlu l-mistoqsijiet, qed jasslulna t-tweġibiet, aħna meta nkunu komdi illi l-mistoqsijiet tagħna jittwieġbu u nkunu komdi illi nistgħu nħallsu, hemmhekk l-uffiċjali pubbliċi jħallsu jiġġifieri jipproċessaw, iġġifieri dawn l-€450 jistgħu jkun li indum ma nwieġeb fuqhom ilgħaliex ħaddieħor għandu itina twġiba fuqhom iġġifieri aħna ma n….

CP: tista' ttina indikazzjoni ta' x'tip ta' diffikultajiet qed iqumu min-naħa tagħkom?

FF: le le aktar minn kwistjoni..

CP: biex isir reimbursement?

FF: le le aktar minn kwistjoni ta' reimbursement, jiena ma…ma ngħidilhomx diffikultajiet, wieħed jistaqsi biex jiċċara,tajjeb? naħseb li hija prattika tajba jiena, li inti tistaqsi "isma tini breakdown, ta' xiex inhuma dawn, x'qed jikkoverjaw, x'mhux qed jikkoverjaw", la se nħallsuhom aħna, iġġifieri jiena, fil-…fl-ammont li hu jirċievi jikkoverja ħafna affarijiet u aħna nkunu nafu ta' xiex qed nirrimbursaw, iġġifieri kważi kważi qed nieħu pjaċir ħa nsejaħ…ħa ngħidha hekk, qed nieħu pjaċir illi l-uffiċjali pubbliċi qegħdin jivverifikaw l-invoices li qegħdin nirċievu u mhux jaqbdu sempliċiment, jaqbdu u jħallsu.

GH: inti qed tassumi li dan id-delay ġara fuq hekk, jista' jkun, jista' jkun le, ma jimpurtax hi x'inhu…

FF: le fuq hekk ta Sur Kummissarju fuq hekk

GH: le le ma tistax tgħid hekk, jekk ma tafx il-każ ma tistax tgħid

FF: li ma ħallasniex għadna, li għadna ma ħallasniex…

GH: le le inti, mir-records tiegħek jirriżultalek illi il-pagament ta’ Diċembru

FF: eh le fuq dak, dak il 450 ma nistax nitkellem fuqhom

GH: li l-pagament ta’ Diċembru ma sarx, u tal-ebda xahar ieħor.

FF: ir-rimbursar mill-Ministeru tagħna ma sarx

GH: hekk hu

FF: is-salarju nifhem li ħareġ imma

GH: ovvjament ovvjament. Le le jien qed nikkwutalek payslip voldieri ħareġ żgur

FF: is-salarju ħareġ imma, imma hekk qisni serraħt daqxejn moħħi sa ċertu..serraħt moħħi, eqq għax aħna m’għandniex x’naqsmu mal-payslip, teknikament…

GH: iva

FF: aħna m’għandniex x’naqsmu mal-payslip iġġifieri fhimt…

GH: ara, ħa nirreferik għall-email li tajtna u li bagħatlek is-Sur Debattista…voldieri s-Sur Debattista huwa konsulent fil-Ministeru hux hekk?

FF: hekk hu

GH: voldieri qiegħed fis-segretarjat bħala konsulent

FF: iva

GH: erm…u

FF: iġġifieri s-Sur Debattista huwa wieħed minn dawk li l-proċess tiegħu sarlu kollu, u għandu kuntratt effettiv u allura …

GH: mela hu jgħidlek “isma, ara li ġġib”… mela, aħna qed ngħidu, qed jgħidlek “aħna” qed juża l-plural “we”, erm, “aħna identifikajna persuna li tagħmel dan l-istudju, erm, u għalhekk sta għalik li ġġib l-awtorizazzjonijiet, il-permessi neċessarji. Għandi nifhem mill-Finanzi hux hekk?

FF: hekk hu hekk hu

GH: l-issue huwa dan voldieri

FF: approvazzjonijiet li għaddejtkom iġġifieri aħna, erm, ressaqna…

GH: għal din qed ngħidu

FF: ehe, ehe, issa naturalment ma ‘dik l-email hemm korrispondenzi u hemm materjal ieħor li bgħattulkom ukoll…li bgħattulkom ukoll…u erm..naturalment l-amminsitrazzjoni l-uffiċjali pubbliċi, u bgħatthomkom ukoll, mhux sempliċiment jagħmlu kuntratt, lis-Sur Bogdanovic imma jmorru għal talba ta’ direct order, Finanzi, din, il-Finanzi bagħtu li appruvawha, u sarlu, u sarlu l-kuntratt, erm...

GH: le le kollox sew imma voldieri, meta tgħid “to obtain the necessary approvals” jiġġifieri mill-Finanzi..ovvjament

FF: ehe mhux hekk mux hekk imma dikha trid tarah fil-…fil-korrispondenza, fid-dokumentazzjoni, fil-materjal kollha li ntbagħtet.

GH: kollox sew le issa inti f’din, f’din l-ittra li bagħatlek Paul Debattista, fl-email li bgħatt, kien hemm ukoll żewġ attachments, waħda hija “An overview of the modus operandi of the skola nazzjonali tal-isport£ u l-oħra hija bil-Malti, “Għaliex inħasset il-ħtieġa li ssir evalwazzjoni tal-iskola nazzjonali tal-isport?”

FF: ehe

GH: li..f’din one pager, jasal għall-konklużjoni li l-unika persuna kkwalifikat biex jagħmel dan ix-xogħol huwa Danijel Bogdanovic. Inti dawn taf min, min iġġenerahom dawn iż-żewġ dokumenti? Taf minn fejn ġew? Għax dawn, la huma ffirmati, lanqas huma..

FF: Ehe dawn

GH: erm…datati…

FF: ehe ġew minn, min-naħa tas-Sur Debattista u, naturalment

GH: yes yes qegħdin attached mal-email ta’ Paul Debattista. L-email ta’ Paul Debattista qed jgħidlek għandek żewġ..tajjeb? żewġ attachments li huma dawn, waħda “An overview of the modus operandi” fejn qed jikkrea qisu terms of reference, u l-oħra hija qisu daqxejn…

FF: mela jiena li nista’ ngħid huwa li ġew mingħandu, isa min kitibhom…

GH: ah ma jimpurtax insaqsu lilu

FF: ehe ma nistax nwieġeb jiena

GH: voldieri meta jgħidlek , “we have identified an expert”, ma tafx il-we min hu għax ovvjament?

FF: eh….min hemm fil-korrispondenza?

GH: erm…copied, Justyne Caruana…Paul Debattista, copy Justyne Caruana. Lilek naturalment.

FF: eh hu irid iwieġeb u, hu jrid jgħid il-“we” min aħna.

GH: fuq il-pagament, diġa tkellimna, pagament issa tal-kuntratt qegħdin ngħidu

FF: tal-contract for service?

GH: contract for service. Erm, u li kien sar fil-bidu ta’ Marzu…

FF: hemmhekk għandi daqxejn dispjaċir ta, jekk nista’ naqsam daqxejn xi esperjenza magħkom

GH: aħna sibna daqxejn, sibna daqxejn, ejja ngħidu, kontradizzjonijiet ħa ngħidu hekk, f’dak li ġie miftiehem għal dak li attwalment tħallas. Ara..

FF: ehe tħallas

GH: hu kellu

FF: naħseb tħallas inqas jiena fil-fatt u

GH: hu kellu jitħallas, eżatt

FF: tħallas inqas

GH: sebat elef ewro

FF: sewwa sewwa

GH: fi Frar

FF: sewwa sewwa, le aħna ara…

GH: fl-aħħar ta' Frar, fil-fatt tħallas €5,000 plus VAT

FF: plus VAT

GH: fil-bidu ta Marzu

FF: hekk hu, li l-kuntratt twaqqaflu, il-kuntratt twaqqaflu

GH: il-kuntratt meta twaqqaf fakkarni…

FF: u, id-data ma niftakarx bl-amment pero il-kuntratt waqqafniehulu. Waqqafniehulu, this is a pity, iġġifieri this is a pity, fl-opinjoni tiegħi. Issa jiena nerġa' ngħid, għal darb'oħra, lil Danijel Bogdanovic ma kontx ltqajt miegħu qabel, ma nafux, tajjeb iġġifieri forsi kont smajt bih fil-futbol u hekk u dan kollu imma imbagħad meta, tara tara s-CV tiegħu forsi ssir taf l-aspett, x'jismu…hemmhekk jien għandi daqxejn dispjaċir, fis-sens, id-daqxejn dispjaċir li għandi huwa illi din hija skola illi, minn meta twaqqfet kull amministrazzjoni ħadmet biex tikber din l—iskola iġġifieri jiena niftakar din l-iskola f'kuritur, iġġifieri l-iskola sport, li ….

GH: imma ma nidħlux fid-dettall ta', ta'…

FF: imma wieħed jifhem ukoll forsi, għaliex wieħed ried jespedita l-affarijiet ukoll, iġġifieri meta inti, meta aħna nafu li l-iskejjel jiftħu f'Settembru, l-Iskola tal-Isport, is-selections etc, isiru xhur qabel, isiru xhur qabel. Kif ġraw l-affarijiet, kif ġraw l-affarijiet, jien nazzarda ngħid ħasra, għax kieku f'Settembru li ġej, fi Skola Sport stajna nagħmlu daqxejn iktar titjib. Imma meta, meta, meta, meta, fuq il-media eċċetera, u investigazzjoni mill-Kummissarju, tal-Istandards, fuq dan, l-amministrazzjoni ħasset li kellha twaqqaf il-kuntratt. Iġgifieri…

GH: ifhem, jiena ma fhimtx li l-amminsitrazzjoni waqfet il-kuntratt, dak ġie ordnat mill-Prim Ministru li hija daqxejn differenti, erm pero jiena ma nixtieqx nidħol issa fil-meritu…

FF: ehe imma, imma le jiena li nista' ngħidlek huwa illi l-amministrazzjoni, meta ngħid l-amministazzjoni qed ngħid iċ-ċivil, is-servizz pubbliku, aħna qisu ħsadna iġġifieri aħna qisu, iġġifieri, l-impjegati, jiena niftakar moment fejn l-impjegati telgħu u qalu "aħna x'għamilna ħażin?" "Imma x'għamilna, x'ġara ħażin?" Iġġifieri u b'ġenwinita' iġġifieri min ħadem fis-servizz pubbliku u Charles għandu esperjenza kbira fis-servizz pubbliku, in-nies jieħdu bis-serjeta' x-xogħol tagħhom, ħafna, ħafna, u jinketaw ħafna

GH: u sewwa jagħmlu , mhux dak il-…

FF: imma

GH: pero bir-rispett kollu Dr Fabri, mhux dak, il-punt huwa li f'dan il-każ, f'dan il-każ, il-Prim Ministru intervjena u ordna li jitwaqqaf dan il-kuntratt, issa, għamilx sew jew m'għamilx sew jien mhux ħaa nidħol fiha, naturalment, din hija xi ħaġa politika li ċertament mhiex soġġett għall-…għall-…għall-iskrutinju tiegħi

FF: u lanqas jiena

GH: eh pero pero, mhux iċ-ċivil waqqaf il-kuntratt

FF: le pero pero, teknikament

GH: u ma nkunux fair jekk ngħidu hekk

FF: le għax teknikament , le għax teknikament, u dan huwa parti mill-inkwiet għax jiena, il-bilanċ…, lis-Sinjura ma nafekx, iġġifieri skużani…

GH: Dr Pace Warrington skużani

FF: il-background tiegħek forsi mhux qed nirreferi għalih

GH: avukat avukat

FF: qatt ma ħdimt miegħek, ma Charles ġieli kellna xi xogħol ukoll, tajjeb, u miegħek, kellna anke familjari imma eh…il-bilanċ ta' bejnietkom huwa tajjeb ħafna, għax għandek l-aspett, esperjenza politika, esperjenza taċ-ċivil, u jiżżewġu flimkien li allura l-kuntest jinftiehem iktar, taf kif, milli kieku xi ħadd minn barra, u l-affarijiet jarahom minn barra, ma jafhomx u jaqta' l-linja dritt, kollox għad-dritt.

GH: le jiena kull kull ma….

FF: huwa l-uffiċjal pubbliku, imma teknikament huwa l-uffiċjal pubbliku, illi kiteb u qal "isma qed nittermina b'mod immedjat" għax il-kuntratt, kife tafu għax għandkom kopja tiegħu, jippermetti lilna li nistgħu nwaqqfu at any time il-kuntratt, u l-amministrazzjoni pubblika qalet "isma oi oi oi hawn x'inhu jiġri, kulħadd jispara, kulħadd iżżid, oi oi" aħna, aħna, m'aħniex, "isma ieqaf" u waqafnieh, iġġifieri twaqqaf aħna iġġifieri ma kienx il-Prim Ministru, illi illi, inħossni fid-dover li ngħid li huwa l-amministrazzjoni li waqfittu l-kuntratt għax fil-verita' hija l-amministrazzjoni li kitbet u qalet isma l-kuntratt tiegħek ed jiġi tterminat, eh, b'mod immedjat, ser jieqaf hawnhekk, jekk għandek xi xogħol x'tgħaddieh, għaddiehulna, li lestejt sallum", fil-fatt għaddielna r-rapport, aw "rapport", huwa very very draft report, iġġifieri għandi nifhem dawk illi huwa ix-xogħol li kien qed jakkumula dan, qed jibni, tajjeb, taf kif, rapport hekk jinbena, f'biċċiet

GH: dak ir-rapport, ngħata wara li twaqqaf il-kuntratt hux hekk?

FF: le ingħata, dakinhar, mela hu ġie notifikat li l-kuntratt twaqqaflu, intalablu biex jissottometti jekk għandu xi xogħol illi lest eċċetera, jiġi sottomess, u tawna, u tawna dak ir-rapport, intbagħtilna dak ir-rapport, huwa huwa huwa huwa, id-…jien naf, l-ewwel taħżiż, x'tgħidlu jew it-taħżiż li finalment kellu jkun immaturat f'rapport, sewwa? U u propju..dak kien id-dispjaċir tiegħi jiena għaliex, ilgħaliex, l-intenzjoni u l-ħsieb huwa wieħed fl-opinjoni tiegħi, tajjeb ħafna

iġġifieri hemmhekk kellek a move biex l-Iskola Nazzjonali tal-Isport, tkompli ttejjeb, iġġifieri jiena…fhimt? Mentri hekk qisu qisu qisu…nqbadna daqxejn

GH: wara li, wara li twaqqaf dan ir-rapport

FF: il-kuntratt waqaf il-kuntratt

GH: skużani, wara li twaqqaf dan il-kuntratt, erm, ittieħdu xi inizzjattivi oħra biex dan l-istudju isir minn xi ħadd ieħor, b'xi mod ieħor, taħt xi format ieħor, jekk huwa daqshekk importanti mela importanti ħafna li jsir malajr, kien importanti ħafna illi nqabdu lil dan il-footballer biex jiktbu, inti qed temfasizza bir-raġun kemm hu importanti li din l-Iskola Sport tiżviluppa, issa, bqajna taħtha din, voldieri għaliex twaqqaf dan ir-rapport mela issa ma isir xejn… qed nifhmek tajjeb?

FF: le le le wieħed, wieħed anke a bażi tal-materjal li ssottometta iġġifieri, eqq jiena ma nafx jekk, jekk rajtux l-abbozz ma nafx x'taqbad tgħidlu

GH: rajtu rajtu

FF: erm iġġifieri

GH: għandi ċerti dubji dwaru imma rajtu jien

FF; ehe ehe iġġifieri, imma imma imma imma imma jiena rajtu ukoll, iġġifieri jiena rajtu u…numru ta' x'taqbad tgħidilhom, ħsibijet, forsi proposti li kienu ser ikunu fir-recommendations, naħseb li tajjeb li wieħed jikkunsidrahom, taf kif iġġifieri…

GH: mhux dik id-domanda tiegħi, id-domanda tiegħi hija iva jew le kważi r-risposta. Wara li twaqqaf dan ir-rapport, ittieħdet xi inzjattiva biex jiġi ingaġġat xi ħadd ieħor, biex jiġi appuntat xi ħadd ieħor?

FF: le le rapport, biex isir rapport ieħor fuq din l-iskola,

GH: le

FF: nista' ngħidlek li le, pero pero, mhux li ma sar xejn anqas iġġifieri, laqgħat mal-kap tal-iskola, ilgħaliex ejja ngħiduha kif inhi, ejja ngħiduha kif inhi, meta isir studju hu x'inhu l-istudju iġġifieri jien daqxejn background akkademiku għandi ukoll, tajjeb, iġġifieri meta iweħed jippubblika riċerka, fil-verita' riċerka ma tkunx qed titfa' għerf ġdid li qatt ma ħsibna dwaru jew missejna miegħu jew ltqajna miegħu

GH: le le m'intix qed tivvinta r-rota mill-ġdid

FF: qed niftehmu, iġġifieri

GH: pero ir-rapport, jien rajtu r-rapport, huwa, erm, a compilation ta' riżultanzi ta' ħaddieħor, hija ġabra iktar milli hi rapport, u li.. r-rakkomandazzjonijiet stajt ktibthom inti midħla ta' dan is-suġġett

FF: li ma ktibthomx iġġ…

GH: naf…li ktibthom inti f'ħames minuti, imma hu x'inhu, hu x'inhu

FF: imma mhux ir-rapport finali lanqas għax naħseb

GH: mhiniex ser nidħol fir-rapport

FF: għax ma jkunx fair

GH: fair enough fair enough

FF: għax naturalment, stajna ngħidu hekk kieku kien ir-rapport finali, u konna ngħidu "isma oi dan ir-rapport" fhimt? Meta dan huwa…

GH: mhiniex ser nidħol fir-rapport, dik mhux ħaġa tiegħek..u u u u jiena saqsjetek biss 1. Biex nikkonfermaw ir-rapport irċevejtuh wara il-…li ġie terminat il-kuntratt…

FF: ijja żgur żgur, meta twaqqaf il-kuntratt, ara…

GH: u li ma sarx pagament ieħor meta rċevejt dak ir-rapport

FF: le le pagament nerġa' ngħid, pagament inħareġ wieħed, kif għidt tajjeb inti, ta' ħamest elef, apparti u miżjudha miegħu il-VAT imma dik proċedurali and that is it, m'hemmx pagamenti oħrajn, ma ħarġux pagamenti oħrajn.

GH: irċevejna ukoll, mal-dokumenti li għaddejtilna, ċertifikat tal-kondotta, dak voldieri irċevejtuh qabel ma ngaġġajtuh jew wara li ingaġġajtuh

FF: le iċ-ċertifikat tal-kondotta, aħna ma ngaġġajniehx, skużani naf li inti tgħidli uwijja u aħna…

GH: le skużani għall-finijiet tal-kuntratt naħseb

FF; le il-contract for service xtrajna servizz

GH: sewwa allura ċ-ċertifikat tal-kondotta kif ġie hemm ?

FF; le iċ-ċertifikat tal-kondotta erm…intalab, u nikiseb u għaddejnihulkom naħseb jiena, anke parti mill-proċess illi seta' kien hemm li kien mibdi, erm…fejn jidħol segretarjat, iġġifieri…

GH: ok, jiġġifieri, li qed tissuġerixxi huwa li inti meta tingaġġa konsulenti jew..xi ħadd biex jiktiblek rapport, ma toqgħodx titolbu il-kondotta, ċertifikat tal-kondotta, mentri wieħed li qed erm..huwa prospett..prospettat li jkun f'segretarjat irid jipprovdih

FF; ehe għalkemm m'aħniex obbligati li nagħmluha lanqas għax isir vetting, isir vetting

GH: iva iva għalhekk qed insaqsik għax

FF; isir vetting

GH: għax rajtha stramba

FF: isir vetting u, isir vetting le aħna, nrġa' ngħid, iġġifieri aħna bħala amministrazzjoni, l-aħħar darba saqsejthieli ukoll, rightly so, rightly so

GH: qed ngħid rajtha stramba għaliex evidentement, id-data tal-ċertifikat tal-kondotta, hija wara li ġie terminat il-kuntratt, allura d-domanda tiegħi hija

FF: iva iva iva iva

GH: għalfejn titlob ċertifikat tal-kondotta wara li

FF: le intalblet, le intalbet…

GH: tterminalu l-kuntratt?

FF: iva veru veru veru veru…erm…in…il-kuntest jiddetermina ħafna hux u jiċċara ħafna. Aħna fi Frar, Marzu, bħal kulħadd, bdejna nismgħu ħafna stejjer, hux hekk, fuq il-media. Iġġifieri aħna, naħseb illi illi meta intalab iċ-ċertifikat, il-kondotta tal-pulizija, nerġa' ngħid, in bona fide, biex anke wieħed iserraħħ rasu li isma, dana, inqasna x'imkien forsi jien naf, bi svista ma tajniex każ fhimt? Iġġifieri aħna inġibdet il-kondotta tal-pulizija and we were..we were a little bit surprised għax il-kondotta tal-pulizija eqq…hija kondotta tajba iġġifieri, iġġifieri, issa dik ma noħorġuhiex aħna, eqq eqq eqq

GH: er naturalment din hija li takhom hu, għaliex meta isir il-…security check min-naħa tal-, tal-OPM, is-security ma jsirx a bażi ta' ċertifikat li jipprovdi l-inmpjegat prospettiv

FF: le fair enough

GH: imma direttament mal-pulizija li jkollhom il-fedina penale, u l-fedina penale u l-kon..iċ-ċertifikat tal-kondotta huma differenti, cioe jistgħu jkunu differenti tajjeb, voldieri ċertu tip ta' erm….ta' ta'…ta' convictions, erm, ma jitniżżlux fiċ-ċertifikat tal-kondotta, jew inkella wara ċertu żmien jispiċċaw, u allura erm, ħa ngħidu hekk, iċ-ċertifikat tal-kondotta ma jtinix l-istampa kollha. Pero hu x'inhu, kien għadu kif ġie rapurtat fil-media illu huwa kellu każ il-qorti fejn ġie liberat minn ċerti akkuż u ġie misjub ħati ta' oħrajn, iġġifieri, dan li ħareġ mil-media propju fil-kuntest ta' dan il-..ta' dan il-każ…erm ..minħabba l-inċident li kellu mal-mara tiegħu eċċetera eċċetera. Pero, id-domanda tiegħi hija, għaliex inħasset il-bżonn, għaliex inħass il-bżonn, illi jintalab ċertifikat tal-kondotta propju wara li spiċċa il-kuntratt, dak li…

FF: eh le talab, eh.. ifhimni l-amministrazzjoni jiena naħseb li tagħmel tajjeb l-amministrazzjoni li sserraħħ rasha, issa orrajt tgħidli għax hemm il-fedina, erm, heqq pero naħseb li, li kondotta ttik daqxejn waħda, eqq indikazzjoni ukoll iġġifieri naħseb li tiswa' xi ħaġa il-kondotta tal-pulizija, mhux xejn, iġġifieri, voldieri ma ninsewx l aħna, xtrajna servizz mingħandu dan, kien hemm il-proċess, kien hemm il-proċess li jkun membru fis-segretarjat li imbagħad finalment ma, ma mmaterjalizzax, tajjeb, eqq u allura naħseb jiena li, heqq, seta' ma ntalab xejn ejja ngħiduha kif inhu, seta' ma ntalab xejn

GH: ħa ngħidlek, jiena

FF: seta' ma ntalab xejn

GH: ma nibqax…jien, jien irrid noqgħod attent, għax hija parti mix-xogħol tiegħi, huwa li li niddistingwi bejn xogħol li jsir fil-kors normali tal-affarijiet, anki kemm il-darba jiġu pprovokati milli ntqal fil-media eċċetera eċċetera, u x-xogħol li jsir biex ngħatti x'ħawwadt jien, x'inhi l-espresjoni eżatt bil-Malti, jiġġifieri, meta jien għandi ċertifikat tal-kondotta datat 5 ta' Marzu, jiġġifieri ħmistax qabel ma ġie terminat il-kuntratt, pero jinkludi attachments, li huma datati wara, ovvjament dik id-data mhix, ma tistax tkun tajba, fhimt x'qed ngħidlek

FF: ijja ijja ijja

GH: voldieri ehh

FF: le id-data, le id-data le dik hija d-data, meta meta wasal għandna iġġifieri erm le ma naħsibx jiena…ma naħsibx illi l-uffiċjali pubbliċi ħa jmissu xi data jew hekk

GH: le le

FF: iġġifieri pero nerġa' ngħid, iġġifieri setgħet ma ntalbitx, u ntalbet m'għandix dubju li in buona fide ntalbet

GH: fair enough

FF: iġġifieri, iċ-ċivil jinkwieta, hux ser jagħmilx tajjeb jagħmel ħażin, kultant naħseb jinkwieta ħafna iktar ukoll milli imissu, imma f'dal-każ qisu nqbadna, eqq anke aħna, b'ħafna mistoqsijiet, fis-sens illi isma, x'inhuwa l-każ? Iġġifieri x'inhu…x'sar ħażin qisu taf kif…dejjem min-naħa tagħna qed ngħid jiena iġġifieri l-amministrazzjoni qed tgħid isma imma, imma direct order morna ġibna l-approval, sar-..u waqaf, fis-segretarjat beda l-proċess, twaqqaf, m'għandux kuntratt. Iġġifieri, fil-Community Scheme kien u għadu, ok bidel il-Ministeru, bħalma jagħmlu oħrajn, nassumi li hemm oħrajn li ċċaqalqu mill-Ministeri jiena, ma naħibx li, li Danijel Bogdanovic huwa l-unika wieħed li ċċaqlaq il-Ministeru, minn Ministeru għal ieħor taħt din l-iskema.

GH: Dr Fabri ħa ngħidlek, m'għandix dubju illi…

FF: heqq iġġifieri, iġġifieri

GH: illi x-xogħol, ċivil, Permanent Secretary b'mod partikolari huwa anke li jaġixxi daqxejn ta, iżomm daqxejn il-breakijiet, voldieri, sewwa qed tgħid tajjeb, li inti trid toqgħod attent li l-affarijiet isiru sew u li tkunu anki intkom stess check fuq il-,il-,il-politiċi, għax jiena ngħidlek, jien kont hemm f'dik il-kariga u naturalment, il-..tissuġerixxi affarijiet li l-Permanent Secretary idur fuqek jgħidlek ħu paċenzja l-affarijiet ma jsirux hekk. Inti ma tkunx taf l-affarijiet u u u tajjeb illi l-Permanent Secretary b'mod partikolari iżomm daqxejn erm…issa, ħa ngħaddi għal domanda oħra dwar ir-rapport innifsu, mhux fuq il-kontenut. 1. Min tahulek? Kif ġie għandek?

FF: ehe ir-rapport, ir-rapport aħna ktibna lil, ktibna lilu naturalment, bgħattnielu anke ittra, ittra reġistrata, sewwa, intbagħtitlu ittra reġistrata, biex erm, ninfurmawh illi l-kuntratt twaqqfitlu, erm, infurmajna ukoll lis-Sur Paul Debattista, tajjeb, illi l-kuntratt tiegħu qiegħed titwaqqaflu, erm, u s-Sur Paul Debattista kien hu li bagħatilna ir-rapport, iġġifieri r-rapport intbagħat mingħand is-Sur Paul Debattista, ir-rapport, fil-verita' mhux ir-rapport…

GH: u iva

FF: għax inkella, niżviljaw hawnhekk. Iġġifieri huwa, huwa, huwa, abbozz jien naf, huwa noti li forsi persuna, li kien kuntrattat biex itina servizz kien iqegħed jiġbor biex finalment imbagħad jasal għar-rapport finali

GH: imma ġie għandek, erm, permezz ta' email? Permez tal-…

FF: iva iva, bl-email, bl-email wasal

GH: erm, ok, dik, l-email tkun tista' ttihlna? Voldieri jiena għandi bżonn ir-rapport ċioe…

FF: ir-rapport tajtulkom

GH: litteralment, you forward the email

FF: ir-rapport tajtulkom ir-rapport

GH: iva, jien għandi bżonn, ħa ngħidlek, just forward the email, mhux mhux print out tal-email, kemm aqbad dik l-email bl-attachment magħha

SPW: qas forward, tibgħat dak l-email bħala attachment, fl-email tiegħek

GH: aha. Jiġġifieri, voldieri l-email li int irċevejt just attach it, attach item. Ok?

FF: ħadt nota

GH: xi domanda oħra li xtaqtu ssaqsu? Forsi erm, din, din l-ittra uffiċjali, reġistrata skużani tat-termination, ibgħatilna kopja tagħha. Erm, fit-terms of reference inizjarji kien hemm li l-kuntratt kellu jdum sa mingħalija, xahrejn

FF: eh dik hemmhekk kien hemm typo, hemmhekk

GH: It was a typo?

FF: ijja it was a typo

GH: għax imbagħad dam sa April

FF: ehe hemmhekk nista' nikkonferma li l-uffiċjal illi bagħtet, it was a typo

GH: l-ewwel waħda kienet hekk typo jew?

FF: three months ried ikun mhux two months, naf illi….

GH: kienet itkun three months

FF: ijja ijja ijja. Dakha nista' nikkonferma li kien typo ġġifieri ma kienx hemm..

GH: għaliex hu diġa' fit terms of reference [unclear] xi ħaġa bħal dik tieħu ħames snin biex tgħid li għamilha f'xahrejn

FF: u le mhux neċessarjament ta…u le mhux neċessarjament

GH: mmm. U il-…u il-…t-termination, approvajtha inti voldieri, ħriġtha inti

FF: le ma ħriġthiex jiena, ħarġitha d-Direttur Ġenerali

GH: Id-Direttur Ġenerali

FF: jiena naħseb li d-Direttur Ġenerali aġġixxiet f'dak il-mument, fil-kuntest naħseb illi b'mod mod…

GH: għaliex ma tkunx talbet il-…l-approval tiegħek

FF: le jiena m'għidtlekx… m'għidtx li ma tajtx l-approval tieħi, erm, jien għidt li ħarġitha d-Direttur Ġenerali, responsabbli mill-…mill-=operat u dan kollu sewwa, erm, naħseb illi…

GH: le le imma bl-approval tiegħek jew le?

FF: ijja ijja iġgififeri jiena meta aħna, meta aħna bdejna naraw dan il-każ din is-sitwazzjoni li qed tiżviluppa, l-ewwel ħaġa li għamilna huwa li isma, aħna deherilna b'ġudizzju tal-mument, illi, illi, ikun aħjar jekk il-kuntratt jiġi tterminat, ma jfissirx illi, illi insomma hekk ġara, iġġifieri, hekk ġara

GH: ok. U…u kwantu għas-CV, is-CV l-istess jidher li jinkludi annexes li ġew wara d-data

FF: ehe dawk huma, dawk huma dawk huma dokumenti li jiena, tlabt, iġġiffieri kienu indikati diġa fis-CV, iġġifieri is-CV kienet tindika l-persuna x'għandu u x'mgħandux, iġġifieri jiena tlabt li jkollna transcripts tal-, tal-kors x'inhu, fil-fatt għaddejtilkom kollox għaddejt, lilkom għaddejtilkom id-dettalji kollha. Erm…tas-CV tiegħu, għandu…insomma d-dettalji qegħdin għandkom mhux ħa noqgħod..

GH: ok. Hemm xi domandi?

CP: il-, ir-rapport, ir-rapport ta' Bogdanovic, inti bgħattulna kif irċevejtu, f'dak l-istess format?

FF: jidhirli li iva issa…

CP: għax aħna, aħna irċevejnieh bħala a scan, iġġifieri xi ħadd ipprintjah u għamel scan tiegħu

FF: le nista' ngħidilkom kif ġew issavejati mhux ser…ma nafx iġġiferi iġġifieri imma nista' , ifhem jien se ngħaddilkom issa l-email bir-rapport imma huwa l-istess rapport

CP: nixtiequ ukoll jekk mhux inkluż tal-email, kopja tar-rapport fil-format oriġinali tiegħu, word document or…

FF: ehe hemmhekk kif inhu hemmhekk meta beda iqalleb il-Kummissarju, rajt il-paġna tiegħu iġġifieri m'hemmx…

GH: mhux print out, it's a print out

SPW: voldieri qed ngħidu meta inti ħa tibgħat l-email li inti rċevejt minn Paul Debattista, li jinkludi dan ir-rapport, dan ir-rapport huwa inkluż f'dak l-email fil-… fil-format oriġinali, bħala PDF…

FF: mhux problema iva iva mhux problema mhux problema. Le le mhux problema, iġġifieri to my knowledge, l-istess rapport, issa.

GH: ok

FF: Qajjimtu l-mistoqsija imma huwa l-istess rapport jidhirli

GH: xi ħaġa oħra? Tajjeb mela, kemm tibagħtilna dawn

FF: iva iva. L-ewwel waħda jista' jkun li

GH: issa

FF: ndum daqxejn għax irrid, għax irrid mingħand ħaddieħor, tal-450 ser inkun qed nitlobha mill-ewwel naturalment, imma…

GH: tajjeb nistgħu nieqfu hawn

FF: grazzi

GH: grazzi grazzi

TMIEM

Traskrizzjoni magħmula minn: Dr Sarah Pace Warrington

Data tal-aħħar reviżjoni: 19 t-Awwissu 2021

**From:** Fabri Francis at MFED
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Cc:** Borg Josef at MFED
**Subject:** Requested documentation
**Date:** Monday, 2 August 2021 09:00:14
**Attachments:** Draft report on the review of the National Sports School .msg
Terminazzjoni tal-Contract for Service.pdf

---

Mr Charles Polidano
Director General
Office of the Commissioner for Standards in Public Life

Mr Polidano,

As requested by the Commissioner for Standards in Public Life, please find attached the registered letter for the termination of the Contract for Service.

Attached please also find the requested original email with the attached draft report following termination of contract for service.

As with regards to the Commissioner's reference to the December 2020 payslip of Mr Bogdanovic as CWS personnel, please note that the referred payslip is not issued by MFED and the allowance is paid to CWS personnel.

Regards,

Francis Fabri
Permanent Secretary
Office of the Permanent Secretary

**t** +356 25981234 **e** francis.fabri@gov.mt
www.education.gov.mt | www.publicservice.gov.mt

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

MINISTRY FOR EDUCATION
GREAT SIEGE ROAD, FLORIANA, MALTA

B/FF/14a

**From:** Debattista Paul at MFED
**To:** Fabri Francis at MFED; Caruana Justyne at MFED
**Subject:** Draft report on the review of the National Sports School
**Date:** Wednesday, 24 March 2021 15:58:26
**Attachments:** Draft report on the National Sports School March 2021.pdf

---

Frank,

Attached herewith I am forwarding a draft report as 23rd March 2021, commissioned by Minister Justyne Caruana on the National Sports School, which report had to be finalised by 20th April 2021.

Since the report is being asked to be presented a month earlier, Mr Bogdanovic, submitted a report which is not the final one he had the intension to be presented. However, there is enough data on which one can work upon.

Minister Caruana will guide us how to proceed with the report which she had commissioned.

PAul

B/FF/14b

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI

*Direttur Ġenerali*
*Dipartiment għall-iStrateġija u s-Sapport*

MINISTRY FOR EDUCATION

*Director General*
*Strategy and Support Department*

23 ta' Marzu 2021

Daniel Bogdanovic
[redacted] (m)
[redacted]
Gozo.

Sur Bogdanovic,

Kuntratt ta' servizz mal-Ministeru għall-Edukazzjoni

Nirreferi għall-kuntratt ta' servizz tiegħek mal-Ministeru għall-Edukazzjoni datat 21 ta' Jannar 2021.

Ninfurmak li b'effett immedjat dan il-kuntratt ta' servizz qed jiġi terminat skond klawsola 5 tal-istess kuntratt. Ix-xogħol li sar sad-data ta' din l-ittra għandu jgħaddi għand id-Direttur Ġenerali għall-iStrateġija u s-Sapport b'mod immedjat.

Nieħu l-opportunita` biex għan-nom tal-Ministeru nirringrazzjak tax-xogħol li għamilt.

Tislijiet,

Maria Galea
Direttur Ġenerali
Dipartiment għall-iStrateġija u s-Sapport

# Sommarju tax-xhieda ta' Dr Frank Fabri

Każ: K/036

Data: 16 ta' Settembru 2021

Preżenti: Dr George Hyzler, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Dr Sarah Pace Warrington, Investigatur u Analista fl-uffiċċju tal-Kummissarju

Dr Francis Fabri, Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni

---

Dr Fabri ħalef bil-ġurament li jgħid is-sewwa.

**Il-kuntratt ta' Danijel Bogdanovic bħala membru tas-segretarjat tal-Ministru għall-Edukazzjoni**

Il-Kummissarju għall-Istandards talab lil Dr Fabri jikkjarifika għalfejn, fix-xhieda preċedenti tiegħu, kien qal li Danijel Bogdanovic ma kellux "*kuntratt effettiv*" bħala membru tas-segretarjat tal-Ministru Justyne Caruana. Dr Fabri qal li l-kuntratt "*ma kienx immaterjalizza ruħu*"[1], u li "*is-Sur Danijel Bogdanovic mhux kuntrattat u qatt ma kien kuntrattat bħala membru tas-segretarjat*".[2] Qal li l-uffiċċju tiegħu ma kienx risponsabbli għall-proċess biex tiġi akkwistata l-approvazzjoni tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-ingaġġ tas-Sur Bogdanovic bħala membru tas-segretarjat, iżda fejn hu (Dr Fabri) ġie mgħarraf li l-proċess ma kienx ġie segwit, hu ħa azzjoni. Bħala eżempju, meta f'laqgħa preċedenti mal-Kummissarju Dr Fabri ġie muri ritratt ta' card tas-segretarjat b'isem is-Sur Bogdanovic, huwa ta direzzjoni biex il-card tinġibed lura b'mod immedjat.

Mistoqsi jekk l-Uffiċċju tal-Prim Ministru kienx ġie informat li Danijel Bogdanovic ma ffirmax is-secretariat contract, Dr Fabri qal li ma jafx iwieġeb.

Dr Fabri qal li kieku s-Sur Bogdanovic iffirma s-secretariat contract, żgur li ma kienx jibqa' jieħu l-paga taħt il-Community Work Scheme għaliex il-proċeduri ma kinux jippermettu dan.

Mistoqsi għalfejn is-Sur Bogdanovic intalab jiffirma secretariat contract f'Marzu tal-2021, Dr Fabri qal li ministru ma jkollux terminu ta' żmien biex jingaġġa persuni bħala membri tas-segretarjat tiegħu. Dr Fabri qal ukoll li hu kien talab biex lis-Sur Bogdanovic jitneħħewlu sew l-email account u sew il-laptop uffiċjali tiegħu, iżda ma setax ikun jaf x'xogħol qed jagħmel kull impjegat fil-ministeru. "*Aħna għalina Danijel Bogdanovic huwa isem u kunjom*."[3]

---

1 Reġistrazzjoni tax-xhieda, 1:34.

2 Reġistrazzjoni, 2:26.

3 Reġistrazzjoni, 22:00.

**L-għoti ta' kuntratt għal servizz b'direct order**

Il-Kummissarju rrifera għall-fatt li l-Ministeru għall-Finanzi baqa' ma ħariġx approvazzjoni formali għall-għoti b'direct order ta' kuntratt għal servizz lil Danijel Bogdanovic biex jagħmel studju dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport. Dr Fabri qal li l-Ministeru għall-Finanzi kien approva d-direct order permezz ta' email. Email titqies bħala dokument uffiċjali, u għaldaqstant l-approvazzjoni kienet valida. Madankollu, il-Kummissarju osserva li din l-approvazzjoni kienet tiddependi fuq is-sottomissjoni ta' kopja tal-kuntratt li jindika t-terminu ta' żmien tiegħu, imbagħad kellha tiġi segwita b'approvazzjoni formali.

Mistoqsi għalfejn it-talba għall-approvazzjoni tad-direct order saret minn konsulent tal-Ministru Justyne Caruana u mhux minnu bħala Segretarju Permanenti, Dr Fabri qal li t-talba ma ġietx mill-management. L-irwol tal-management, jiġifieri d-Direttur u d-Direttur Ġenerali, kien li jressaq it-talba għand l-uffiċċju li japprova d-direct orders.

Mistoqsi jekk is-Sur Bogdanovic kienx ingħata kuntratti oħra b'direct order, per eżempju kuntratt dwar il-manutenzjoni tal-iskejjel, Dr Fabri qal li l-kuntratt dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport kien l-uniku kuntratt għal servizz li kien ingħata s-Sur Bogdanovic.

Mistoqsi jekk kenitx ħaġa regolari li s-Sur Bogdanovic kellu żewġ pagi bħala impjegat full-time taħt il-Community Work Scheme u bħala kuntrattur, Dr Fabri qal li persuna jista' jkollha xogħol part-time waqt li tkun qegħda taħdem full-time.

**It-terminazzjoni tal-kuntratt**

Il-Kummissarju rrefera għar-rapporti fil-midja li l-Prim Ministru kien ta ordni biex jiġi tterminat il-kuntratt ta' Danijel Bogdanovic, u staqsa jekk din l-ordni kenitx qed tirreferi għas-secretariat contract jew għall-kuntratt dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport. Dr Fabri qal: "*Ma nafx, vera ma nafx. Li nista' ngħid hu li aħna bħala management itterminajna l-contract for service* [...] *jiġifieri aħna għedna dal-kuntratt irid jieqaf b'mod immedjat, u twaqqaf b'mod immedjat. Jiġifieri aħna ħadna l-azzjoni, aħna għamilniha*."[4]

Il-Kummissarju qal li billi s-Sur Bogdanovic kien qiegħed jaġixxi bħala membru tas-segretarjat, ma jagħtix tort lill-Prim Ministru li jaħseb li kien hemm secretariat contract, u allura l-ordni tal-Prim Ministru kienet biex jitwaqqaf dak is-secretariat contract. Dr Fabri wieġeb li hu kien risponsabbli għall-kuntratt dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Isport. Id-deċiżjoni dwar min kellu jsir membru tas-segretarjat kienet waħda politika u l-irwol tal-management f'dan ir-rigward kien li jara li l-manwal dwar is-segretarjati jiġi osservat.

Sommarju magħmul minn: Charles Polidano

Data tal-aħħar reviżjoni: 29 ta' Settembru 2021

[4] Reġistrazzjoni, 26:04.